



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 9.12.2011
KUMM(2011) 858 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar ir-riżultati miksuba u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perjodu 2007-2009 (rapport sottomess skont l-Artikolu 50 (3)(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 575/2007/KE tat-23 ta' Mejju 2007)

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar ir-riżultati miksuba u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perjodu 2007-2009 (rapport sottomess skont l-Artikolu 50 (3)(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 575/2007/KE tat-23 ta' Mejju 2007)

1. INTRODUZZJONI

Għall-perjodu 2007-2013 l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet il-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" b'allokazzjoni totali ta' EUR 4.032,23 miljun, kif attwalment ipprogrammat. Huwa jikkonsisti minn erba' Fondi u l-għan tiegħu huwa tqassim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-piż finanzjarju li għej mill-introduzzjoni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni tal-Unjoni u mill-implimentazzjoni ta' politiki komuni dwar l-ażil u l-immigrazzjoni¹.

Wieħed mill-erba' Fondi huwa l-Fond Ewropew għar-Ritorn², stabbilit għall-perjodu 2008 – 2013 b'pakkett ta' EUR 676 miljun.

L-att bażiku li jistabbilixxi l-Fond jeħtieġ lill-Kummissjoni li tissottometti rapport intermedju dwar ir-riżultati miksuba u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi tal-implimentazzjoni tal-Fond³.

Ir-rapport jippreżenta r-riżultati miksuba mill-programmi annwali 2008-2009 kif miġbura abbażi ta' rapporti mill-Istati Membri fit-tieni nofs tal-2010⁴, komplut b'informazzjoni disponibbli mal-Kummissjoni fl-ewwel kwart tal-2011. Dawn ir-riżultati huma intermedji sal-approvazzjoni tar-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi⁵.

2. L-AMBITU U L-GĦAN TAL-FOND

L-għan tal-Fond huwa li jappoġġja l-isforzi magħmula mill-Istati Membri sabiex itejbu l-ġestjoni tar-ritorn fid-dimensjonijiet kollha tagħha ("ġestjoni ta' ritorn integrata"), inkluż permezz ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għall-għan ta' ekonomiji ta' skala.

Il-gruppi fil-mira taħt il-Fond jinkludu ċittadini ta' pajjiżi terzi li rċevew deċiżjoni negattiva fi proċeduri ta' ažiż jew immigrazzjoni u migranti irregolari maqbuda fil-fruntiera jew fit-territorju ta' Stati Membri. Biex tissaħħaħ l-effiċjenza fil-ġestjoni tar-ritorn fl-ivell nazzjonali,

¹ COM(2005)123 finali

² Id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE, ĠU L144, 6.6.2007, p.45

³ L-Artikolu 50(3)(a) tal-att bażiku

⁴ Kompilazzjoni u r-rapporti tal-pajjiż huma disponibbli fuq http://ec.europa.eu/home-affairs/funding/return/funding_return_en.htm

⁵ L-Artikolu 51 tal-att bażiku

il-Fond ikopri wkoll ir-ritorn volontarju ta' persuni li mhumie x taħt l-obbligu li jħallu t-territorju, bħal applikanti għall-ażil li għadhom ma rċevewx deċiżjoni negattiva jew benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Hawnhekk il-Fond ħa l-pussess ta' kategorija ta' azzjoni li kienet appoġġjata mill-Fond Ewropew għar-Refuġjati sal-2007⁶.

Il-Fond jimmira wkoll sabiex jappoġġja l-applikazzjoni korretta u armonizzata tal-**acquis tal-UE dwar ir-ritorn**, partikolarment id-Direttiva 2008/115 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment ("Id-direttiva dwar ir-ritorn")⁷.

Il-Fond huwa implimentat prinċipalment mill-Istati Membri, bil-**metodu tal-ġestjoni konġunta**. Permezz ta' programmi annwali mill-Istati Membri, il-baġit tal-UE ifittex li jappoġġja fl-Istati Membri intervent strutturat (it-tisħiħ tal-kapaċitajiet), kif ukoll attivitajiet speċifiċi għaċ-ċirkostanzi nazzjonali jew lokali fil-qasam tar-ritorn. Dawn l-azzjonijiet jiġu kofinanzjati fi ħdan **qafas strateġiku tal-UE ta' erba' prijoritajiet dwar ir-ritorn**⁸. Il-prijoritajiet huma (1) l-iżvilupp ta' approċċ strateġiku; (2) kooperazzjoni bejn l-Istati Membri; (3) għodda speċifika innovattiva u (4) l-istandards u l-aħjar prattiki tal-UE. L-Istati Membri jridu jimplimentaw mill-inqas tlieta minn erba' prijoritajiet iżda ħafna Stati Membri għażlu li jimplimentaw l-erbgħa li huma. Ir-riżorsi jiġu distribwiti fost 26 Stat Membru minħabba li, skont il-Protokoll tagħha, id-Danimarka ma hijiex qed tipparteċipa fil-Fond.

Il-kontribuzzjoni tal-Fond għal proġetti fl-Istati Membri hija stabbilita għal 50% tal-ispejjeż totali ta' azzjoni u għal 75% għall-Istati Membri koperti mill-Fond ta' Koeżjoni u għal azzjonijiet li jirriflettu prijoritajiet speċifiċi msemmija fil-linji gwida strateġiċi.

Minbarra l-programmi, sa 7% kull sena tar-riżorsi disponibbli tal-UE jistgħu jiġu implimentati direttament mill-Kummissjoni għal proġetti transnazzjonali, studji jew tipi oħra ta' azzjoni ta' interess tal-UE permezz tal-**"azzjonijiet tal-Komunità"** li jikkonċernaw il-politika tar-ritorn u miżuri applikabbli għall-gruppi fil-mira..

Għas-snin tal-baġit **2005-2007** kien hemm azzjonijiet preparatorji taħt il-baġit tal-UE, jiġifieri l-"Azzjonijiet Preparatorji tar-Ritorn" 2005-2006 u, l- "Azzjoni Preparatorja – il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni, is-Solidarjetà f'Azzjoni 2007 - ir-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid ta' daww potenzjalment li jirritornaw lura pajjiżhom". L-istrumenti ħolqu esperjenza prattika diretta ma' proġetti transnazzjonali u b'hekk għenu lill-Istati Membri sabiex iħejju għat-tnedija tal-Fond għar-Ritorn fl-2008⁹.

3. L-INPUTS MILL-UNJONI FL-2008 – 2009

3.1. Riżorsi tal-UE għall-Istati Membri u finanzjament nazzjonali li jaqbel

Il-perjodu ta' rappurtar ikopri **18% tal-ammont ta' referenza globali tal-Fond**. Fil-perjodu 2008-2009 EUR 122 M f'appropriazzjonijiet tal-UE ġew allokati għal azzjonijiet ta' ġestjoni kemm konġunti kif ukoll diretti

⁶ Ara *inter alia* l-evalwazzjoni finali tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati 2005-2007, COM(2011)2 finali

⁷ ĠU L348, 24.12.2008, p.98

⁸ ĠU L330, 15.12.2007, p.48

⁹ L-evalwazzjoni tal-azzjonijiet preparatorji hija disponibbli fuq http://ec.europa.eu/home-affairs/funding/2004_2007/solidarity/funding_solidarity_en.htm

Tabella 1 – Il-baġit tal-UE għall-Fond għar-Ritorn 2008-2013

Euro	2008	2009	2010	2011	2012 (*)	2013 (*)	Total
Totali tal-SM	55.500.000	61.845.000	81.725.000	109.000.000	151.125.000	179.025.000	638.220.000
Komunità							
Azzjonijiet	-	4.655.000	5.775.000	4.500.000	11.375.000	13.475.000	39.780.000
TOTAL	55.500.000	66.500.000	87.500.000	113.500.000	162.500.000	192.500.000	678.000.000


(*) L-2012 u l-2013 huma estimi.

Id-distribuzzjoni tar-riżorsi disponibbli tal-UE fost l-Istati Membri hija bbażata fuq żewġ kriterji li jirriflettu s-sitwazzjoni tal-Istat Membru fir-rigward tal-obbligi mwettqa f'isem - jew għall-benefiċċju globali tal-Unjoni f'dan il-qasam: in-numru ta' deċiżjonijiet ta' tkeċċija li jaffettwaw ċittadini ta' pajjiżi terzi u n-numru ta' ritorni mwettqa lejn pajjiżi terzi. Għall-ewwel sentejn tal-implimentazzjoni tal-Fond, ġew approvati **52 programm**, li allokaw total ta' **EUR 107 M**.

- **Is-sitt benefiċjarji ewlenin** kienu r-Renju Unit (EUR 16,9 M), il-Greċja (EUR 12,8 M), Franza (EUR 12,3 M), l-Italja (EUR 11,8 M), Spanja (EUR 10,7 M) u l-Ġermanja (EUR 7,8 M). Huwa rċevew 68% tal-ammont totali fil-perjodu ta' rappurtar. Għall-perjodu 2008-2011, jibqgħu l-Istati Membri benefiċjarji ewlenin, għalkemm il-Greċja qed tissostitwixxi lir-Renju Unit bħala l-benefiċjarju numru 1 tal-allokazzjonijiet tal-2010.
- **It-tliet benefiċjarji fuq firxa medja** huma l-Belġju (EUR 6,1 M), il-Pajjiżi l-Baxxi (EUR 5,8 M) u l-Polonja (EUR 3,7 M)¹⁰.
- **Il-benefiċjarji l-oħra kollha** jirċievu bħala medja inqas minn 3% tal-ammont totali annwali disponibbli. Fil-perjodu 2008-2009 l-allokazzjonijiet għal dawn it-18 -il Stat Membru kienu jvarjaw minn EUR 318.475 (il-Lussemburgu, 2008) sa EUR 1.817.335 (l-Awstrija, 2008).

¹⁰ Għal aktar informazzjoni ara COM (2011)448 u SEC (2011)0940 dwar l-applikazzjoni tal-kriterji għad-distribuzzjoni ta' riżorsi fost l-Istati Membri taħt il-Fond għall-Fruntieri Esterni, il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-Fond Ewropew għar-Ritorn

Grafika 1: 2008-2009 Ir-riżorsi totali nazzjonali u tal-UE għall-programmi MS



Għall-2008 u l-2009, l-Istati Membri ppjanaw **finanzjament fi sħubija** għal EUR 50,4 u 65,2 M rispettivament. Ir-riżorsi allokat i għal għajnun a teknika għall-ġestjoni tal-Fond fl-Istati Membri ammontaw rispettivament għal EUR 3,9 u 4 M.

Skont ir-rata tal-infiq kif irrapportata fl-aħħar tal-2010, il-konsum globali tal-appropriazzjonijiet mill-Istati Membri għal dawn is-sentejn tal-bidu kien pjuttost għoli (madwar 85% għall-2008 u 80% għall-2009). Diversi Stati Membri benefiċjarji ewlenin, bħal Spanja u r-Renju Unit, impenjaw konsistentement l-allokkazzjoni kollha.

3.2. Riżorsi tal-UE irriżervati għal azzjonijiet Komunitarji

Għall-2008 ma ġew allokat i l-ebda riżorsi. Matul il-proċedura baġitarja għall-2008, il-Parlament Ewropew poġġa l-kredit i għall-Fond għall-2008 fir-riżerva bil-kondizzjoni li l-ammont jiġi rilaxxat meta tiġi adottata d-Direttiva dwar ir-Ritorn. Wara l-approvazzjoni tagħha mill-Parlament Ewropew tneħħiet ir-riżerva fuq il-Fond f'Novembru 2008. Kien imbagħad ikkunsidrat bħala mhux xieraq li xorta titnieda sejħa għal proposti u r-riżorsi tal-2008 ġew distribwiti fl-intier tagħhom lill-Istati Membri, u b'hekk ippermettew illi jikkonċentraw biss fuq it-tħejjija tal-programmi tagħhom.

Għall-2009 EUR 4,6 M ġew allokat i għal:

- tliet **proġetti pilota transnazzjonali**: wieħed dwar kooperazzjoni fuq metodi għat-traċċar u l-iffaċilitar tar-ritorn ta' minorenni mhux akkumpanjati, u tnejn dwar il-kooperazzjoni strutturali bejn Stati Membri u servizzi konsulari ta' pajjiżi terzi fuq ir-ritorn (inkluż l-iskambju tal-aħjar Prattika fuq monitoraġġ ta' ritorn bil-forza); u

- tliet **studji komparattivi dwar l-aħjar Prattiki:** dwar ir-ritorn ta' minorenni, ir-rabta bejn miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid qabel it-tluq u miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid fuq perjodu ta' żmien qasir u perjodu ta' żmien twil fil-pajjiżi tar-ritorn (wara emenda għall-baġit tal-UE mill-PE) u monitoraġġ ta' ritorn bil-forza.

Il-proġetti pilota għandhom jirrinforzaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn Stati Membri, filwaqt li l-istudji se jtejjbu l-bażi tal-għarfien tal-Unjoni kollha kemm hi dwar Prattiki ta' ritorn u jappoġġjaw tħejjija tajba fl-Istati Membri tad-Direttiva dwar ir-Ritorn.

Is-sejħa tal-2010 tiffoka fuq il-ħolqien ta' netwerk tal-UE dwar ir-ritorn volontarju u kooperazzjoni fil-qasam ta' attivitajiet ta' integrazzjoni mill-ġdid ta' qabel it-tluq u wara l-wasla. Għall-2011, ir-riżorsi qed jiġu mobilizzati primarjament sabiex jappoġġjaw miżuri ta' emerġenza fin-Nofsinhar tal-Mediterran.

4. IT-THEJJJA TA' IMPLIMENTAZZJONI FL-ISTATI MEMBRI

4.1. It-tnedija tal-Fondi fl-Istati Membri

Il-Kummissjoni adottat **regoli implimentattivi** għall-Fond¹¹, komuni għal kull wieħed mill-erba' Fondi, sabiex tiżgura applikazzjoni armonizzata u tistabbilixxi mudelli komuni għall-programmazzjoni u r-rappurtar. Ir-regoli jistabbilixxu proċeduri ta' għażla u kriterji għall-eliġibbiltà tan-nefqa mġarrba taħt il-Fond. Parti oħra important tal-gwida kkonsistiet fit-tħejjija, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, ta' **manwal dwar l-eliġibbiltà**, b'eżempji Prattiki u l-aħjar Prattiki dwar il-ġestjoni tal-proġett. Sessjonijiet ta' informazzjoni dwar ir-regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa kienu organizzati u l-manwal ġie aġġornat b'mod regolari. Aktar gwida ġenerali ġiet provduta fil-laqgħat tal-"**Kumitat SOLID**" u fi tliet **konferenzi** dwar il-Fondi (fl-2008 dwar il-Fondi b'mod ġenerali u fl-2009 għal awtoritajiet ta' verifika u dwar il-programmazzjoni u l-evalwazzjoni).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni pprovdiet gwida speċifika dwar kif il-Fond jista' jappoġġja **l-applikazzjoni korretta u armonizzata tad-Direttiva dwar ir-Ritorn**. L-applikazzjoni tagħha tista' tiġi appoġġjata għal kollox mill-Fond, sakemm jiġi rrispettat l-għan ewlieni u l-ambitu tal-Fond: l-azzjonijiet iridu jkunu marbuta b'mod ċar ma' proċedura ta' ritorn u jridu jindirizzaw il-gruppi fil-mira. Pereżempju, filwaqt li l-kura tas-saħħa ta' emerġenza hija eliġibbli matul il-perjodu għat-tluq volontarju u f'perjodi li għalihom tiġi posposta t-tkeċċija, il-Fond m'għandux jiffinanzja l-kura tas-saħħa ġenerali jew ta' rutina jew kwalunkwe tip tal-kura tas-saħħa ta' ċittadini ta' pajjiż terz li hija diġà ffinanzjata minn sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa. Bl-istess mod, azzjonijiet relatati ma' servizzi tal-kura u ta' appoġġ f'ċentri ta' detenzjoni għal dawn il-persuni jistgħu jiġihallu mill-Fond jekk ikunu marbuta direttament ma' operazzjoni ta' ritorn imminenti. Fid-dawl tar-rekwiżiti speċifiċi fid-direttiva, aktar miżuri ġenerali bħas-separazzjoni ta' dawk li jirritornaw lura pajjiżhom minn prigionieri ordinarji u l-akkomodazzjoni separata għal familji huma eliġibbli wkoll.

4.2. L-istabbilizzazzjoni ta' assigurazzjonijiet dwar ir-regolarità u l-legalità tal-infiq

Filwaqt li l-Istati Membri huma responsabbli mill-ġestjoni tal-fondi taħt il-programmi, il-Kummissjoni terfa' r-responsabbiltà finali għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Din ir-

¹¹ Id-Deċiżjoni Nru 458/2008/KE, ĠU L167, 27.06.2008, p.135

responsabbiltà tiġi eżerċitata billi jiġu ddelegati ċerti kompiti lill-Istati Membri, suġġett għas-supervizzjoni u r-rappurtar meħtieġ. Għal dak il-għan, l-Istati Membri huma responsabbli sabiex jistabbilixxu **sistema ta' ġestjoni u kontroll nazzjonali għall-Fond**.

L-Istati Membri nnominaw (1) Awtorità Responsabbli, responsabbli għall-ġestjoni tal-programm, fejn xieraq appoġġjata minn awtorità delegata, (2) Awtorità ta' Verifika, responsabbli għall-verifika tal-funzjonament effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll, u (3) Awtorità ta' Ċertifikazzjoni, responsabbli miċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tan-nefqa qabel ma jintbqgħatu lill-Kummissjoni. B'mod konġunt, dawn l-awtoritajiet huma responsabbli mill-assigurazzjoni ta' **ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi allokat li lill-Istat Membru**.

Għal dan il-Fond, is-26 Stat Membru stabbilixxew is-sistema tagħhom fl-2008. 20 sistema huma komuni ma' Fondi oħra. Id-deskrizzjonijiet tas-sistemi ġew eżaminati f'konformità mal-att bażiku qabel ma saru l-ewwel pagamenti. Barra minn hekk, bejn l-2008 u l-2010, twettqu verifiki tas-sistema f'16-il Stat Membru Il-biċċa l-kbira tas-sistemi dehru li jiffunzjonaw b'mod adegwat, iżda għal xi wħud kien meħtieġ xi titjib. Dan ikkonċerna partikolarment il-**proċeduri ta' għażla**: il-ħtieġa għat-trasparenza u ġustifikazzjoni xierqa għall-għażla dwar il-metodu f'konformità mar-regoli implimentattivi tal-Fond. L-għażla ppreferuta hija l-"korp li jagħmel l-għotjiet" (kompetizzjoni u għażla miftuħa bħala regola ġenerali permezz ta' sejħa miftuħa għal proposti), u l-eċċezzjoni, il-"metodu tal-korp tal-eżekuzzjoni" (meta l-karatteristiċi ta' azzjoni/proġett ma jħallu l-ebda għażla fir-rigward ta' min se jimplimentah, jiġifieri fil-każ ta' monopolju *de iure*). Għall-Fond għar-Ritorn, il-metodu msemmi l-aħħar huwa bħala prinċipju applikabbli għal awtoritajiet pubbliċi responsabbli għal operazzjonijiet ta' ritorn bil-forza jew għal kooperazzjoni minn stat għal stat dwar l-identifikazzjoni u l-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġjar. F'xi każijiet, l-Istati Membri ntalbu li jaqsmu l-attivitajiet skont il-metodu sabiex jissalvagwardjaw il-prinċipju ta' kompetizzjoni għal dawk l-attivitajiet li jistgħu jiġu implimentati minn korpi pubbliċi oħra għajr dawk speċifiċi.

Mill-eżami tad-deskrizzjonijiet, il-verifiki tas-sistema u l-informazzjoni disponibbli l-oħra dwar l-implimentazzjoni tal-Fond, jirriżulta li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom fis-seħħ sistemi sodi. Fl-aħħar tal-2010, inħarġu "opinjonijiet mhux kwalifikati" għal 83% tas-sistemi. Għal 15% oħra, ġew identifikati dgħufijiet, iżda b'impatt illimitat. Sistema waħda biss, li tkopri programm annwali wieħed fi Stat Membru wieħed kienet teħtieġ titjib kbir, li sar għal programmi annwali fil-ġejjieni.

4.3. Id-definizzjoni ta' strateġiji nazzjonali għall-użu ta' riżorsi tal-UE b'mod intelliġenti

Fi programmi multiannwali l-Istati Membri ppreżentaw is-sitwazzjoni nazzjonali f'termini ta' struttura istituzzjonali, politika u riżorsi nazzjonali disponibbli fis-sitwazzjoni ta' referenza (2007). Abbażi ta' analiżi tan-nuqqasijiet, l-Istati Membri dejjem identifikaw l-**għanijiet strateġiċi** li ġejjin: (1) proċeduri ta' tkeċċija aktar effettivi, inkluż permezz ta' titjiriet konġunti ta' ritorn; (2) kooperazzjoni aktar effiċjenti ma' pajjiżi terzi dwar l-identifikazzjoni, inkluż permezz ta' sforzi konġunti fost l-Istati Membri, u (3) żieda fin-numru ta' ritorni volontarji.

Sabiex jinkisbu partikolarment aktar ritorni volontarji, l-Istati Membri kkommettew ruħhom sabiex jużaw il-Fond sabiex itejbu attivitajiet ta' għajjnuna, itejbu l-għoti ta' pariri u ġestjoni tal-każ individwali u mfassla apposta u jintroduċu u/jew jestendu skemi volontarji assistiti, inċentivi f'forma ta' flus u miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid.

Minbarra dawn l-għanijiet aktar ġenerali, ġew **stabbiliti miri nazzjonali speċifiċi**, bħal

- il-ħolqien ta' pjanijiet ta' ritorn għal pajjiżi partikolari fil-mira u/jew kategoriji ta' daww potenzjalment li jirritornaw lura pajjiżhom (jiġifieri daww tal-Amerika t'Isfel għal Spanja, skemi ta' ritorn għal prigionieri fir-Renju Unit u l-Awstrija);
- il-mili ta' nuqqasijiet organizzattivi fl-istruttura nazzjonali (jiġifieri it-titjib tal-iskambju ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni dwar ir-ritorn volontarju bejn il-partijiet interessati fil-Ġermanja, l-istabbilizzazzjoni ta' uffiċċju ta' ammissjoni mill-ġdid fil-Ġreċja, l-għotja ta' spinta fil-kopertura konsulari u l-istabbilizzazzjoni ta' ambaxxatur mhux fiss sabiex jittejbu metodi ta' identifikazzjoni f'Malta).
- l-akkwist ta' tagħmir sabiex jittejbu kapaċitajiet speċifiċi għall-ġestjoni tar-ritorn (jiġifieri xarabankijiet għat-trasportazzjoni ta' daww li jirritornaw lura pajjiżhom miċ-ċentri għall-ajruporti fi Spanja; inġenji tal-ajru sabiex jespandu l-kapaċità tat-titjir fi Franza; miżuri għal persuni vulnerabbli f'ċentri ta' detenzjoni fl-Isvezja u l-Estonja);
- l-iżvilupp ta' għodda tal-ICT sabiex tiġi sostnuta ġestjoni tal-każ effiċjenti fost il-korpi kompetenti jew l-istabbilizzazzjoni ta' servizzi onlajn u/jew dejtabeżis tal-pajjiż għal daww li jirritornaw lura pajjiżhom u organizzazzjonijiet li qed jaħdmu magħhom (notevolment fil-Belġju, il-Finlandja, Franza, l-Italja u Spanja);
- riċerka fuq possibbiltajiet ta' ritorn (pereżempju l-immappjar tal-popolazzjoni fil-mira u l-aktar miżuri xierqa sabiex tintlaħaq fil-Portugall u l-Italja); u
- iż-żieda fl-involvement attiv ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi, komunitajiet ta' migranti u/jew awtoritajiet lokali fi proċessi ta' ritorn (notevolment fil-Pajjiżi l-Baxxi, is-Slovenja u l-Isvezja).

L-Istati Membri kollha ħlief erba' minnhom ipprogrammaw azzjonijiet taħt prijorità 3 (**għodda innovattiva speċifika**). Ġeneralment, taħt din il-prijorità ġew stabbiliti l-għanijiet li ġejjin: (1) it-titjib ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar l-identifikazzjoni (kważi l-Istati Membri kollha); (2) it-titjib ta' informazzjoni u l-għoti ta' pariri lil daww li jirritornaw lura pajjiżhom, inkluż websajts onlajn għal daww li jirritornaw lura stess (notevolment l-Awstrija, Ċipru, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Portugal) u (3) l-iżvilupp ta' miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid wara r-ritorn lil hinn minn gruppi fil-mira eżistenti, pajjiżi ta' ritorn u/jew tipi ta' għajnuna (notevolment il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, Spanja u l-Isvezja). Filwaqt li dawn l-għanijiet jikkorrispondu ftit jew wisq għat-tliet prijoritajiet speċifiċi li jippermettu kofinanzjament oġġla mill-UE, fl-implimentazzjoni l-Istati Membri individwali fittxew b'mod ġenwin sabiex jiżviluppaw prattiki ġodda.

Abbażi tal-programmi approvati mill-Kummissjoni sal-lum, ix-xejriet li ġejjin jistgħu jiġu osservati fit-tqassim ta' **riżorsi tal-UE fost il-prijoritajiet fl-2008-2011**¹²:

¹² Ċifri tal-2011 ibbażati fuq abbozz ta' programmi li huma fil-proċess li jiġu approvati

Tabella 2: Il-kontribuzzjonijiet tal-UE fi programmi mqassma skont il-prijorità 2008-2011

sena	allokazzjonijiet	PRIJORITÀ 1		PRIJORITÀ 2		PRIJORITÀ 3		PRIJORITÀ 4	
2008	55.500.000	71,5%	39.700.000	10,6%	5.900.000	13,3%	7.400.000	4,5%	2.500.000
2009	61.845.000	80,7%	49.908.468	3,7%	2.303.791	12,5%	7.710.554	3,1%	1.922.186
2010	81.725.000	79,2%	64.726.200	5,4%	4.413.150	11,5%	9.398.375	3,9%	3.187.275
2011	109.000.000	88,9%	96.868.300	1,9%	2.038.300	6,92%	7.542.800	2,34%	2.550.600
TOTAL	308.070.000	81,5%	251.202.968	4,8%	14.655.241	10,4%	32.051.729	3,3%	10.160.061


5. IMPLIMENTAZZJONI TA' PROGRAMMI TAL-2008 U L-2009

Dan il-kapitolu jippreżenta u jqabbel il-fatti u ċ-ċifri dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali tal-2008 u l-2009 kif irrapportat mill-Istati Membri fl-2010. Il-ħarsa ġenerali ma hijiex ibbażata fuq riżultati ta' proġetti li tlestew u li huma koperti finanzjarjament, minħabba li r-rapporti finali tal-2008 qed jiġu eżaminati u l-programm annwali tal-2009 għadu għaddej, b'rapporti finali dovuti biss sal-31 ta' Marzu 2012. Barra minn hekk, minħabba li d-data tal-iskadenza għal talbiet għar-reviżjoni tal-azzjonijiet fil-programm annwali tal-2009 kienet il-31 ta' Marzu 2011, iċ-ċifri tal-ħarsa ġenerali fuq azzjonijiet ipprogrammati jistgħu ma jikkorrispondux eżattament mal-azzjonijiet fil-fatt implimentati fl-Istati Membri.

5.1. Aspetti kwantitattivi tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri

5.1.1. It-tqassim ta' riżorsi fuq l-erba prijoritajiet tal-UE

Grafika 2: 2008-2009 Ir-riżorsi totali nazzjonali u tal-UE skont il-prijorità u n-numru ta' azzjonijiet



Għall-**2008-2009** il-biċċa l-kbira ta' **riżorsi nazzjonali u tal-UE taħt il-Fond** marru sabiex jappoġġjaw **operazzjonijiet ta' ritorn individwali** nazzjonali: azzjonijiet taħt prijorità 1 (programmi ta' ritorn volontarju assistiti, miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid, identifikazzjoni u tkeċċija), prijorità 2 (bażikament titjiriet konġunti ta' ritorn) u prijorità 3 (jiġifieri metodi ġodda ta' ħidma sabiex jiġi mgħaġġel il-proċess ta' ritorn, modi ġodda tal-għotja ta' pariri lil dawk potenzjalment li jirritornaw lura pajjiżhom, miżuri mfassla apposta sabiex tiġi rinforzata integrazzjoni mill-ġdid u ritorn sostenibbli).

- L-Istati Membri kollha għażlu prijorità 1 fil-programm multinazzjonali u bbaġitjaw għaliha kemm fl-2008 kif ukoll fl-2009, ħlief għall-Irlanda. Malta bbaġitjat ir-riżorsi kollha tagħha f'dan il-perjodu għal prijorità 1.
- Sbatax-il Stat Membru implimentaw prijorità 2, u ffokaw prinċipalment fuq titjiriet konġunti ta' ritorn. Diversi Stati Membri, madankollu, għażlu li ma jibbaġitjawx fil-perjodu kkonċernat (l-Awstrija, il-Ġermanja, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall). B'mod ġenerali, dawn l-azzjonijiet huma meqjusa bħala kkomplicati sabiex jitwettqu; ingħatat enfasi għat-tnedija ta' azzjonijiet nazzjonali l-ewwel u l-iżgurar tal-konsum tar-riżorsi.
- Filwaqt li kważi l-Istati Membri kollha għażlu li jimplimentaw prijorità 3, fil-perjodu 2008-2009 partikolarment tliet Stati Membri ddedikaw parti sinifikanti tal-baġit

tagħhom għal azzjonijiet għal din il-prijorità: il-Ġermanja (43%), l-Isvezja (60%) u l-Belġju (62%)

- Tlieta w għoxrin Stat Membru pprogrammaw azzjonijiet għall-prijorità 4. Min-natura tagħhom l-azzjonijiet għandhom impatt finanzjarju relattivament baxx, għalkemm erba' Stati Membri bbaġitjaw sehem relattivament kbir tal-allokkazzjoni tagħhom għal din il-prijorità (madwar 30% jew aktar fl-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja u is-Slovakkja taħt wieħed jew tnejn mill-programmi). Minħabba li mhumiex qed jieħdu sehem fid-Direttiva dwar ir-Ritorn, ir-Renju Unit u l-Irlanda m'għażlux li jimplimentaw din il-prijorità; bħar-Repubblika Ċeka jistgħu jipprogrammaw attivitajiet ta' taħriġ u riċerka taħt prijoritajiet oħra.

Tabella 3: Numru ta' Stati Membri skont il-prijorità

Prijorità	Perjodu 2008-2013	Programm tal-2008	Programm tal-2009
1. Ġestjoni tar-ritorn strateġika	26 Stat Membru	25 ħlief l-Irlanda	26
2. Kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra	23 hlief il-Litwanja, is-Slovakkja, l-Isvezja	13 hlief l-Awstrija, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, is-Slovakkja, Spanja u, l-Isvezja	15 hlief l-Awstrija, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Litwanja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, is-Slovakkja, Spanja u l-Isvezja
3. Għodda innovattiva speċifika	25 ħlief l-Estonja	20 ħlief Ċipru, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Lussemburgu u Malta	22 ħlief Ċipru, l-Estonja, il-Latvja u Malta
4. Standards u l-aħjar prattiki tal-UE	23 ħlief ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda u r-Renju Unit	15 ħlief l-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, Spanja u r-Renju Unit	17 ħlief ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit

5.1.2. In-numru ta' azzjonijiet

F'termini tan-numru ta' azzjonijiet implimentati, prijorità 1 hija l-inqas dominati. Dan ifisser li n-nefqa bbaġitjata kull azzjoni taħt il-prijoritajiet 2, 3 u 4 hija bħala medja iżgħar minn taħt prijorità 1.

Tabella 4: Numru ta' azzjonijiet skont il-prijorità

Prijoritajiet	2008	2009	Total 2008-2009	Persentaġġ 2008-2009
1. Ġestjoni tar-ritorn strateġika	75	79	154	45,4%
2. Kooperazzjoni ma' SM oħra	14	19	33	9,7%
3. Għodda innovattiva speċifika	46	54	100	29,5%
4. Standards u l-aħjar prattiki tal-UE	19	33	52	15,3%
Total	154	185	339	100,0%


5.1.3. Rati ta' kofinanzjament

Pajjiżi tal-Fond ta' Koeżjoni użaw sal-aktar punt possibbli, il-possibbiltà li jkollhom rata ta' kofinanzjament ta' 75% mill-UE. Hemm eċċezzjoni waħda importanti: Spanja, fejn il-persentaġġ ta' kofinanzjament għall-programmi annwali 2008 u 2009 huwa inqas minn 25%, fejn l-azzjonijiet qed jiġu ppreżentati fl-isfond tal-baġit nazzjonali totali għar-ritorn.

Għall-Istati Membri l-oħra, ir-rata ta' kofinanzjament tvarja kull sena. Tvarja bejn 38% sa 73%. Fil-Ġermanja, il-Belġju, il-Finlandja u l-Isvezja, ir-rati ta' kofinanzjament huma dejjem aktar minn 60%, minħabba fin-numru kbir ta' azzjonijiet li jwieġbu għal prijoritajiet speċifiċi (notevolment taħt il-prijorità 3).

Għall-2008 u l-2009 ir-rata medja kienet 50%. Iżda kieku Spanja ġiet eskluża, ir-rata globali ammontat għal aktar minn 68%.

Grafika 3: 2008-2009 tqassim ta' rizersi totali skont l-oriġini tar-rizers



5.1.4. Il-proċessi ta' għażla użati fl-2008 u l-2009

Azzjonijiet ipprogrammati jiġu implimentati permezz ta' proġetti (wieħed jew aktar) magħżula jew taħt il-metodu tal-korp li jagħmel l-għotjiet jew il-metodu tal-korp tal-eżekuzzjoni.

Taħt il-metodu tal-korp li jagħmel l-għotjiet, kważi l-Istati Membri kollha organizzaw mill-inqas **sejħa miftuħa għal proposti waħda għal kull programm annwali**. F'Ċipru, Franza, l-Irlanda u l-Lussemburgu, madankollu, ma kienx hemm din is-sejħa għall-programm tal-2008. Mill-banda l-oħra, diversi Stati Membri kellhom iniedu aktar minn sejħa waħda minħabba f'nuqqas ta' interess jew ħtieġa għal applikazzjonijiet ġodda għall-proġett.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rċevew inqas minn 10 proposti għal kull sejħa. Fi Spanja u l-Ġermanja biss kien hemm ħafna aktar interess (għall-2008 26 u 60 rispettivament, għall-2009 36 u 33 rispettivament). Għall-2008, fi 15-il Stat Membru, il-proposti kollha ġew magħżula għal finanzjament. Għall-2009, f'4 Stati Membri ġew magħżula l-proposti kollha u fi tlieta oħra ġew magħżula aktar minn 2/3 tal-proposti. L-ebda Stat Membru ma indika li kien iffinanzja kwalunkwe proġett mingħajr sejħa għal proposti.

Tabella 5: Għażla taħt il-metodu tal-korp li jagħmel l-għotjiet

Programm annwali	proposti irċevuti	tal-proġett	proġetti magħżula għall-finanzjament	rata ta' suċċess
2008	185		146	80%
2009	134		97	72%

Taħt il-metodu tal-korp tal-eżekuzzjoni, mill-inqas sejħa waħda għal interess lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti fil-qasam tar-ritorn kienet komuni fost kważi l-Istati Membri kollha, għalkemm xi Stati Membri, wara konsultazzjoni tal-partijiet interessati ewlenin dwar l-abbozz tal-programm annwali, jew ma kellhomx sejħa separata (notevolment il-Greċja u l-Italja) jew b'mod ġenerali għażlu proġetti barra mill-qafas ta' sejħa (Spanja). Xi Stati Membri nedew numru ta' sejħiet konsekuttivi għal interess (notevolment Franza u Ċipru).

Għall-2008, f'10 mis-16-il Stat Membru li organizzaw sejħiet, intagħżlu l-proġetti kollha. Dan kien il-każ fi 12 mill-14-il Stat Membru għall-2009.

Tabella 6: Għażla taħt il-metodu tal-korp tal-eżekuzzjoni

Programm annwali	proposti ta' proġetti rċevuti	proġetti magħżula għall-finanzjament	rata ta' suċċess
2008	72	55	76%
2009	43	39	91%

Barra minn hekk, f'9 Stati Membri (l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, Malta, il-Lussemburgu, ir-Rumanija u Spanja) ġew iffinanzjati proġetti mingħajr sejħa għal interess għal total ta' 81 proġett, bl-ogħla numru ta' dawn il-proġetti fil-Greċja (47).

Fil-każ tal-importanza tal-metodu tal-korp tal-eżekuzzjoni fi programmi kollha kemm huma, skont informazzjoni (mhux kompluta) provduta mill-Istati Membri, għall-2008, 49% tal-azzjonijiet kienu taħt il-metodu tal-korp tal-eżekuzzjoni. Għall-2009 dan naqas għal f'tit inqas minn 40%.

Is-sehem għal dawn il-proġetti mmexxija mill-gvern bħala parti mill-kontribuzzjoni tal-UE tal-Istati Membri jvarja b'mod sinifikanti bejn pajjiż u pajjiż:

- F'żewġ Stati benefiċjarji hemm persentaġġ baxx ħafna ta' dawn il-proġetti: fir-Renju Unit, fejn bħala medja 93% tal-allokazzjonijiet ġew diretti għar-ritorn volontarju assistit u miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid, magħżula fuq bażi wiesgħa, miftuħa, u l-Ġermanja, fejn aktar minn 95% tal-allokazzjonijiet ġew iddedikati għal proġetti mmexxija minn organizzazzjonijiet mhux governattivi dwar l-għoti ta' pariri, l-integrazzjoni mill-ġdid u pjanijiet tar-ritorn volontarju.
- Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħra is-sehem huwa bejn 10 - 50%, filwaqt li f'numru limitat ta' Stati Membri l-medja hija ogħla ('il fuq minn 70% fil-Bulgarija, l-Italja, il-Polonja, is-Slovenja u Spanja u anke 'l fuq minn 90% fi Franza u l-Greċja), meta titqies partikolarment l-enfasi fuq ritorni bil-forza u l-ispejjeż għoljin ta' dawn il-proġetti.
- F'xi każijiet, ivarja sinifikament minn sena għall-oħra. Pereżempju, fir-Rumanija fl-2008 kien hemm biss dawn il-proġetti filwaqt li fl-2009 kważi 37% kienu proġetti tal-metodu tal-korp li jagħmel l-għotjiet.

Fatturi oħra għajr preferenza għal proġetti ta' ritorn bil-forza jistgħu jiġu implimentati minħabba li s-sehem tan-numru ta' proġetti ffinanzjati fil-metodu tal-korp li jagħmel l-għotjiet normalment jiddependi fuq in-numru ta' applikazzjonijiet irċevuti kull sena. F'każ li r-rata

tar-rispons hija baxxa jew ftit applikazzjonijiet jikkwalifikaw, l-awtorità responsabbli tista' tagħżel li tagħmel sejħa oħra iżda tista' minflok tkun inklinata wkoll, li taċċetta sehem akbar ta' proġetti tal-korp tal-eżekuzzjoni (mir-riżerva), sabiex tiżgura skeda taż-żmien aktar fattibbli għal implimentazzjoni effettiva.

Fl-aħħar nett, wieħed għandu jżomm f'moħħu li f'xi Stati Membri, il-metodu tal-korp tal-eżekuzzjoni ma ntużax biss għal proġetti ta' ritorn bil-forza iżda anke għal proġetti governattivi ta' valur strateġiku partikolari għas-sistema tar-ritorn nazzjonali bħal studji, kooperazzjoni, il-bini ta' networks jew skemi ta' taħriġ.

5.2. Aspetti kwalitattivi tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri

5.2.1. Il-kategoriji ta' azzjonijiet identifikati taħt il-Fond

Sabiex ikollha stampa komprensiva tan-natura tal-azzjonijiet taħt il-Fond għar-Ritorn, il-Kummissjoni żviluppat **mudell analitiku** sabiex jikklassifika l-interventi. Għandu struttura fuq żewġ livelli:

1. Jistabbilixxi l-ewwel jekk l-interventi jimmirawx primarjament jew ritorn volontarju jew ritorn bil-forza. Fejn meħtieġ, kategorija ta' "imħallta" tintuża, f'każ li azzjoni ma tistax tiġi kklassifikata b'mod predominanti bħala waħda jew l-oħra (pereżempju ċerti attivitajiet ta' taħriġ). Proġetti relatati mal-identifikazzjoni u dokumenti tal-ivvjaġġjar huma meqjusa li qed jimmiraw ir-ritorn bil-forza.
2. Imbagħad jikklassifika l-azzjoni skont in-natura tagħha: mir-riċerka u/jew l-iżvilupp ta' strateġija għal operazzjonijiet, it-tisħiħ ta' kapaċitajiet, il-kooperazzjoni eċċ Fejn jidher li azzjoni kienet multifunzjonali, ġew indikati sa tliet kategoriji, inkluż importanza stmata meħmuża mal-azzjoni kkonċernata.

Billi dan il-mudell ġie applikat għad-dejta finanzjarja disponibbli fuq l-azzjonijiet taħt il-programmi annwali 2008-2009 kif irrapportat mill-2010, tfasslu l-konklużjonijiet li ġejjin dwar l-aspetti kwalitattivi tal-implimentazzjoni tal-Fond taħt dawn il-programmi, irrISPettivament mir-reviżjonijiet tal-2009 li jkun baqa' sabiex jiġu approvati sal-aħħar tal-perjodu ta' eliġibbiltà fit-30 ta' Ġunju 2011:

- Abbażi tal-ewwel livell ta' analiżi: kważi 53% tar-riżorsi ġew ibbaġitjati għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ritorn bil-forza, 43% ġew adottati għall-appoġġ ta' attivitajiet ta' ritorn volontarju u 4% kkonsistew minn attivitajiet li jwasslu għal wieħed miż-żewġ tipi ta' tluq;
- Abbażi tat-tieni livell ta' analiżi: madwar 77% tar-riżorsi ġew allokati għal operazzjonijiet ta' ritorn konkreti u individwali u għajnuna lill-gruppi fil-mira (operazzjonijiet ta' ritorn volontarju, operazzjonijiet ta' ritorn bil-forza, l-ġħoti ta' pariri u informazzjoni, għajnuna lil persuni vulnerabbli); kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, immirata lejn l-istabbilizzazzjoni tal-pre-kundizzjonijiet għat-tneħħija u/jew ir-ripatrijazzjoni (l-identifikazzjoni u l-kisba ta' dokumenti tal-ivvjaġġjar), ammontaw għal 3%, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għal 2% u miżuri ġenerali tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet (l-iżvilupp tal-istrateġija, il-persunal, l-infrastruttura u l-ġħodda, ir-riċerka/l-aħjar Prattiki) ammontaw għall-bqija (18%).


Tabella 7: 2008-2009 analiżi tal-ewwel livell (skont ir-riżorsi)

Tipoloġija livell 1	2008	persentaġġ 2008	2009	persentaġġ 2009	medja 2008-2009
<i>ritorn volontarju</i>	44.156.100	42,6%	47.333.822	41,2%	41,9% (91.489.922)
<i>ritorn bil-forza</i>	55.685.887	53,7%	59.236.649	51,6%	52,6% (114.922.536)
<i>kategorija mħallta</i>	3.770.382	3,6%	8.251.176	7,2%	5,5% (12.021.558)
total	103.612.369		114.821.647		218.434.016

Tabella 8: 2008-2009 analiżi tat-tieni livell (skont in-numru ta' azzjonijiet)

Tipoloġija livell 2	2008		2009		2008+2009
	Numru ta' azzjonijiet	sehem perċentwali	numru ta' azzjonijiet	sehem perċentwali	medja globali
<i>1. ġestjoni ta' ritorn (strateġija)</i>	23	4	22	1	45
<i>2. ritorn volontarju (operazzjonijiet)</i>	41	24	51	26	92
<i>3. ritorn bil-forza (operazzjonijiet)</i>	32	42	36	33	68
<i>4. għoti ta' pariri u informazzjoni</i>	38	12	43	12	81
<i>5. għajjuna lil persuni vulnerabbli</i>	24	3	25	4	49
<i>6. it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-persunal</i>	42	3	45	3	87
<i>7. it-tisħiħ tal-kapaċitajiet - infrastruttura u għodda</i>	18	3	19	11	37
<i>8. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet - riċerka / l-aħjar prattiki</i>	31	4	47	4	78
<i>9. kooperazzjoni bejn Stati Membri</i>	25	2	32	2	57
<i>10 kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi</i>	33	2	38	3	71

Grafika 4: 2008-2009 analiżi fuq it-tieni livell – tqassim ta' azzjonijiet skont erba' kategoriji ewlenin



5.2.2. Tipi ta' benefiċjarji tal-kontribuzzjoni tal-UE

54,5% u 53,2% tal-kontribuzzjonijiet tal-UE tal-2008 u 2009 rispettivament taħt il-Fond ġew allokat i għal azzjonijiet implimentati mill-awtoritajiet pubbliċi, 19,8% u 19,2% għal organizzazzjonijiet mhux governattivi u 25,7% u 27,6% għal organizzazzjonijiet internazzjonali (partikolarment l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, minn issa 'l quddiem IOM).

5.2.3. Eżempji ta' proġetti mwettqa taħt prijorità I

A. Programmi ta' ritorn volontarju assistit

Il-programm ta' Stokkolma jsejjaħ lill-Istati Membri sabiex jinkoraġġixxu r-ritorn volontarju, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' sistemi ta' inċentivi, taħriġ, integrazzjoni mill-ġdid u sussidji u billi jintużaw il-possibiltajiet offruti minn strumenti finanzjarji tal-UE.

Madwar EUR 55,5 M ġie bbaġitjat għal dan il-għan skont il-programmi.

L-Istati Membri huma f'livelli differenti tal-iżvilupp ta' ritorn volontarju assistit, kif ikkonfermat minn studju riċenti ta' EMN¹³ u d-deskrizzjoni ta' referenza fil-programmi multiannwali. Għaldaqstant, l-isforzi f'dan il-qasam jistgħu jiġu kklassifikati kif ġej:

1. Fl-assenza ta' kwalunkwe skema (permanenti), **l-iżvilupp** ta' proġetti pilota u/jew l-introduzzjoni ta' programm ta' ritorn volontarju assistit (jiġifieri Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, il-Greċja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta u s-Slovenja);

2. Il-**konsolidazzjoni** ta' servizzi jew programmi (bażiċi) stabbiliti riċentement billi jiġi estiż it-tul ta' żmien u/jew jiżdied gradwalment in-numru ta' persuni li jistgħu jgawdu mill-għajnuna (jiġifieri fis-Slovakkja);

¹³

<http://emn.intrasoft-intl.com/Downloads/prepareShowFiles.do?entryTitle=3%2E%20EMN%20Studies>

3. **L-estensjoni** (sistematika) ta' programmi stabbiliti sew billi tiġi inkluża popolazzjoni fil-mira oġġla, gruppi fil-miri (speċifiċi) ġodda b'hal persuni vulnerabbli u/jew it-tweżiġ tan-natura tal-ġajjnuna provduta (partikolarment f'erba' mill-Istati Membri benefiċjarji ewlenin, jiġifieri Franza, l-Italja, Spanja u r-Renju Unit);

4. **L-introduzzjoni ta' miżuri mfassla apposta speċifiċi u innovattivi**, partikolarment bil-ħsieb ta' ritorn aktar sostenibbli u l-iżvilupp ta' komponent distint ta' integrazzjoni mill-ġdid (jiġifieri fil-Belġju, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja).

Fil-**Latvja**, fi ħdan il-kuntest tal-iżvilupp ta' strateġija fuq perjodu ta' żmien twil fuq il-ġestjoni tar-ritorn, diversi proġetti ta' riċerka ġew iffinanzjati taħt il-programm tal-2008 sabiex jiżviluppaw mudelli għar-ritorn volontarju u l-integrazzjoni mill-ġdid l-aktar adattati għal-Latvja, filwaqt li jitqiesu d-daqs tal-popolazzjoni fil-mira, il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-aħjar prattiki f' pajjiżi oħra. Bl-istess mod, fil-**Estonja**, bis-saħħa ta' numru ta' proġetti fil-programmi tal-2008 u l-2009, ġew stabbiliti l-ewwel passi lejn l-introduzzjoni ta' programm ta' ritorn volontarju assistit u struttura ta' konsultazzjoni u ta' sostenn għal dawk li jirritornaw lura pajjiżhom. F'**Malta**, żewġ proġetti taħt il-programmi tal-2008 u l-2009 servew sabiex jagħtu spinta lill-attivitajiet dwar ir-ritorn volontarju assistit. Proġett ieħor fittex li jsaħħaħ il-kapaċitajiet ta' ġestjoni fuq perjodu ta' żmien twil f'Malta dwar ir-ritorn. F'kull wieħed mit-tliet pajjiżi, l-IOM kienet fost il-benefiċjarji tal-proġett.

Fil-**Finlandja**, proġett wieħed multi annwali, li nbada fl-2009, immira sabiex jistabbilixxi sistema ta' ritorn volontarju komprensiv. M'hemm l-ebda programm ta' ritorn volontarju assistit nazzjonali sal-lum f'dan il-pajjiż u l-għan tal-proġett huwa li jipprovdi għajjnuna fl-ivvjaġġar u għajjnuna finanzjarja għall-integrazzjoni mill-ġdid, li jtejjeb il-kooperazzjoni bejn operaturi li qed jittrattaw ir-ritorn volontarju u jagħti spinta lid-disponibbiltà ta' informazzjoni għal dawk potenzjalment li jirritornaw lura pajjiżhom.

Ħafna pajjiż bbenefikaw mill-esperjenzi tal-IOM sabiex jipprovdu pakkett aktar ġenerali ta' miżuri ta' ritorn. Pereżempju, fis-**Slovakkja**, b'hal parti minn azzjoni fuq ir-ritorn volontarju assistit u l-integrazzjoni mill-ġdid, l-IOM organizzat kampanja sabiex tilħaq il-migranti mhux irregjistrati, li mmirat żoni fejn kienu mistennija li jgħixu. B'hal riżultat tal-kampanja, 47 minn dawn il-persuni ġew irritornati, filwaqt li s-sena ta' qabel ma ġew ritornati ebda persuni. Fil-**Pajjiżi l-Baxxi**, l-IOM mexxiet proġett sabiex tinforma u tagħti pariri lil detenuti, filwaqt li tejjbet ukoll il-kapaċità għar-ritorn volontarju assistit f'ċentri ta' detenzjoni b'mod ġenerali. Fil-**Portugall**, taħt il-programm tal-2008, l-IOM għinet sabiex tistabbilixxi netwerk ta' imsieħba nazzjonali u internazzjonali, essenzjalment NGOs fl-Amerika t'Isfel, sabiex tiġi żviluppata aktar l-istruttura għar-ritorn volontarju assistit. Fi proġett suċċessur, minbarra li żammet is-servizzi bażiċi u pprovdiet pakketti ta' appoġġ għal madwar 550 persuna, l-IOM tejjbet aktar in-network, żviluppat strateġija ta' komunikazzjoni ċara u rrinfurzat is-servizzi għall-integrazzjoni mill-ġdid u l-monitoraġġ u l-appoġġ wara l-wasla. Fil-**Polonja** l-IOM pprovdiet firxa sħiħa ta' servizzi bil-finanzjament tal-2008 u l-2009: il-promozzjoni, l-għajjnuna għall-ivvjaġġjar u l-integrazzjoni mill-ġdid, it-taħriġ għall-persunal ta' ċentri ta' akkoljenza, l-appoġġ għal persuni vulnerabbli, ir-regjistrazzjoni u ż-żamma ta' dejtabeż, u l-organizzazzjoni ta' konferenza sabiex tiġi promossa l-idea ta' ritorn volontarju fost organizzazzjonijiet u awtoritajiet mhux governattivi.

F'ħafna pajjiżi oħra, b'mod parallel ma' azzjonijiet għall-konsolidazzjoni jew l-estensjoni tal-iskemi eżistenti, il-Fond intuża sabiex jittestja jew jintroduċi elementi speċifiċi ġodda. Fis-**Slovakkja**, l-azzjonijiet ikkonsistew fl-espansjoni tal-iskemi eżistenti billi inkludew, minbarra

l-ispiża tas-soltu, anke l-appoġġ għat-tħejjija ta' pjanijiet ta' integrazzjoni mill-ġdid, u għajjnuna mal-integrazzjoni mill-ġdid fil-pajjiż tar-ritorn. Fl-**Italja**, wara azzjoni li tappoġġja skema regolari fl-2008, saret enfasi fuq miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid fl-2009.

Barra minn hekk, f'diversi Stati Membri (pereżempju **l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Finlandja, l-Italja, Spanja u l-Polonja**) ġew iffinanzjati proġetti fuq għajjnuna speċifika lil persuni vulnerabbli, bħal familji, minorenni jew vittmi tat-traffikar. Fi **Franza**, jiġi provdut appoġġ għal kura medika ta' emerġenza, akkomodazzjoni xierqa fis-sens tad-Direttiva u arranġamenti ta' ritorn għal minorenni mhux akkumpanjati li baqgħu fiż-żona ta' transitu fl-ajruport Roissy. Fl-**Ungerija** kien hemm il-proġett "Lura d-dar (*Home again*)" li fih numru żgħir ta' Bosnijaċi bi problemi ta' saħħa ġew ripatrijati f'kooperazzjoni mill-qrib ma' kontropartijiet Bosnijaċi xierqa, bid-diliġenza u l-attenzjoni kollha dovuta.

Fil-**Pajjiżi l-Baxxi**, organizzazzjoni żgħira mhux governattiva għinet lil migranti sabiex jiżviluppaw attività ekonomika fil-pajjiż tar-ritorn. Numru ta' voluntiera żviluppaw ġabra ta' għodod u appoġġjaw ir-ritorn ta' 23 ċittadin ta' pajjiżi terzi b'baġit ta' EUR 120.000.

Franza użat il-kontribuzzjonijiet tal-UE tagħha f'manjera strateġika sabiex twettaq serje ta' azzjonijiet kumplementari f'din iż-żona, li jvarjaw mill-ġhoti ta' pariri u informazzjoni għal inċentivi finanzjarji għal miżuri speċifiċi ta' informazzjoni u integrazzjoni mill-ġdid. Azzjoni waħda estendiet għotjiet finanzjarji sabiex jiġi inkoraġġit ir-ritorn għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, lil hinn mill-qafas tal-programm eżistenti tiegħu (EUR 3,5 M, 39% tal-programm tal-2008). Azzjoni oħra għinet lil persuni fir-reġjun Calais sabiex jirritornaw lejn il-pajjiż tal-orijini tagħhom, *inter alia* billi qajmet kuxjenza dwar ir-riskji ta' passaggj attentat għar-Renju Unit, il-kondizzjonijiet prekarji li jistgħu jsibu hemm u r-riskji inerenti fiż-żamma tar-residenza illegali tagħhom fi Franza (EUR 0,9 M). B'mod ġenerali, il-Fond għin lil Franza sabiex iżżid l-użu ta' inċentivi finanzjarji (fl-2008 2227 migrant ibbenefika mill-iskema, żieda ta' 9% meta mqabbel mal-2007) kif ukoll sabiex jiżdied id-daqs tal-inċentivi *per capita*.

Fil-perjodu ta' rappurtar ir-**Renju Unit** allokat l-oġhla kontribuzzjoni tal-UE mill-Fond, EUR 14 M, għal miżuri ta' ritorn volontarju assistit. Il-Fond appoġġja l-Programm tar-Ritorn Volontarju Assistit u l-Integrazzjoni mill-Ġdid (VARRP), ir-Ritorn Volontarju u l-Integrazzjoni mill-Ġdid ta' Migranti Detenuti (VRRDM) u l-Iskema tar-Ritorn Faċilitat (FRS) (pagamenti fi flus kontanti). Il-VARRP, kif implimentat taħt il-programm tal-2008, diġà ġie evalwat bħala li rnexxa: il-monitoraġġ ta' dejta indika żidiet importanti, meta mqabbla mas-sin preċedenti, fin-numru ta' applikazzjonijiet, it-tluq attwali u l-użu magħmul minn għajjnuna ta' integrazzjoni mill-ġdid. Partikolarment, l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' ritorn individwali u t-twassil u l-kontenut ta' għajjnuna ta' integrazzjoni mill-ġdid ġew ivvalutati pożittivament minn dawk li jwieġbu.

B. L-ġhoti ta' pariri u informazzjoni

Madwar EUR 25,8 M ġie bbaġitjat għal dan il-għan skont il-programmi. Ħafna Stati Membri żviluppaw azzjonijiet dwar l-informazzjoni u l-ġhoti ta' pariri (eż. **l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, Franza, il-Ġermanja, l-Italja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, is-Slovakkja u Spanja**)¹⁴.

¹⁴ Xi wħud minn dawn il-proġetti, madankollu, huma proġetti innovattivi taħt il-prijorità 3.

Xi eżempji ta' azzjonijiet f'dan il-qasam li jagħmlu impatt fuq proporzjon sinifikanti tal-popolazzjoni fil-mira huma dawn li ġejjin:

- Il-programm tal-**Greċja** tal-2009 ħallas għall-użu ta' interpreti, ħaddiema soċjali u psikologi sabiex jipprovdu servizzi lil dawk li jirritornaw lura pajjiżhom, inkluż f'Ateni u Kreta, għal kontribuzzjoni ta' EUR 1 M.
- Fil-**Pajjiżi l-Baxxi**, l-appoġġ tal-2009 ġie provdut sabiex tiġi estiża l-kopertura ġeografika tan-netwerk tal-"kunsillieri nattivi" lil hinn mill-ibliet prinċipali u għar-rinfurzar ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali, b'kontribuzzjoni tal-UE ta' madwar EUR 1 M.
- Fl-**Awstrija**, erba' organizzazzjonijiet mhux governattivi taw pariri lil ċittadini ta' pajjiżi terzi kemm ġo faċilitajiet ta' detenzjoni kif ukoll barra minnhom, fejn laħqu aktar minn 6.000 ċittadin ta' pajjiż terz li minnhom 19% iddeċidew li jirritornaw volontarjament, u barra l-faċilitajiet, aktar minn 6.000 ċittadin ta' pajjiż terz li minnhom madwar 58% iddeċidew li jirritornaw volontarjament. Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-proġetti tal-2008 u l-2009 flimkien laħqet EUR 1,8 M.
- Fil-**Ġermanja**, il-programmi tal-2008 u l-2009 ippermettew lil diversi organizzazzjonijiet mhux governattivi sabiex jipprovdu l-ġhoti ta' pariri u informazzjoni f'Länder differenti f'madwar 25 proġett għal EUR 2,2 M (kontribuzzjoni tal-UE). Bis-saħħa tal-proġetti tal-2008, seħħew 10.402 sessjonijiet għall-ġhoti ta' pariri u 1382 persuna ġew ripatrijati volontarjament. Ċertament safejn kien ikkonċernat il-programm tal-2008, l-attivitajiet irrinfurzaw l-istrutturi għall-ġhoti ta' pariri u l-kooperazzjoni u n-netwerks bejn id-diversi atturi għal dak il-għan. Barra minn hekk, minħabba l-kumplimentarjetà mas-servizzi disponibbli taħt il-programm REAG/GARP, dawk l-attivitajiet taħt il-Fond żiedu s-suċċess ta' dan il-programm volontarju assistit għal refuġjati u dawk li jfittxu l-ażil (irrifjutati).

C. Ritorn bil-forza

Madwar EUR 81 M ġie bbaġitjat għal dan il-għan skont il-programmi. L-Istati Membri kollha kkofinanzjaw ritorn bil-forza (jiġifieri l-ġestjoni tat-titjiriet, l-ispejjeż tal-ivvjaġġjar u l-għajxien tal-iskorti u l-ispejjeż tal-ivvjaġġjar għal dawk li jirritornaw lura pajjiżhom) ħlief l-Awstrija, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Portugall, l-Isvezja u l-Pajjiżi l-Baxxi. Fir-**Renju Unit** kien hemm biss proġett żgħir li mmira sabiex jinkoraġġixxi aktar ħidma ma' Stati Membri oħra fil-qasam ta' ritorn infurzat li l-mudell tiegħu qed jiġi użat b'vantaġġ, *inter alia* permezz ta' titjiriet konġunti ta' ritorn; il-biċċa l-kbira tal-programm ikkonċerna r-ritorn volontarju.

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri is-sehem għan-nefqa tar-ritorn bil-forza fir-rigward tal-baġit totali huwa bejn 10-30%. Ċertament f'termini assoluti, parti konsiderevoli tal-kontribuzzjoni tal-UE intnefget għal dawn l-operazzjonijiet taħt iż-żewġ programmi fl-erba' benefiċjarji ewlenin, jiġifieri **Franza** (EUR 2,8 M), **il-Greċja** (EUR 7,8 M), **l-Italja** (EUR 6,9 M) u **Spanja** (EUR 6,3 M). F'termini relattivi, is-sehem tan-nefqa bbaġitjata kienet għolja wkoll f'pajjiżi b'allokazzjonijiet aktar baxxi bħal **Ċipru**, **il-Lussemburgu** u **l-Polonja**.

Minbarra operazzjonijiet ta' ritorn regolari, ġew iffinanzjati ftit proġetti innovattivi, fosthom dawn li ġejjin:

- Fil-**Belġju** twettqu żewġ proġetti ("Ir-ritorn ta' familji" u "Ir-ritorn ta' persuni bi bżonnijiet speċjali") mill-awtoritajiet sabiex jiżviluppaw alternattivi għad-detenzjoni. Iż-żewġ proġetti kkonsistew mill-adattament tad-djar tal-familji / faċilitajiet ta' akkoljenza sabiex il-familji / persuni bi bżonnijiet speċjali jingħataw il-kura separatament mir-residenti l-oħra ta' ċentri magħluqa. Sabiex jiġu mħejjija r-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid possibbli fil-pajjiżi tal-oriġini, ġew impjegati coaches imħarrġa li ggwidaw lill-persuni matul il-proċedura ta' ritorn u għenuhom fuq bażi ta' kuljum. Fi stadju bikri, il-possibbiltà tar-ritorn volontarju għadu qed jiġu offrut. It-tieni proġett inkluda wkoll il-provvista ta' għajjnuna medika u psikoloġika mfassla apposta. L-ewwel proġett diġà ġie evalwat pożittivament minn xi organizzazzjonijiet mhux governattivi.
- Fi **Spanja**, korsijiet tal-ewwel għajjnuna ingħataw għall-iskorti tal-pulizija involuti f'operazzjonijiet ta' ritorn fuq titjiriet *charter*, linji ta' vapuri regolari u titjiriet kummerċjali fejn jivvjaġġjaw waħedhom.

5.2.4. *Eżempji ta' proġetti mwettqa taħt il-prijorità 2*

Is-sehem tan-nefqa fir-rigward ta' din il-prijorità kien normalment żgħir ħafna, ħlief fl-**Irlanda**. Dan l-Istat Membru uża 70% tar-riżorsi tiegħu sabiex iħallas għal titjiriet konġunti ta' ritorn, inkluż l-allokazzjoni kollha fl-2008.

L-Istati Membri jew iffinanzjaw esklussivament titjiriet konġunti ta' ritorn (**il-Belġju, Ċipru, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, ir-Rumanija**), taħlita ta' titjiriet konġunti b'kooperazzjoni u miżuri tat-tisħiħ ta' kapaċitajiet (**il-Bulgarija, il-Polonja, is-Slovenja**) jew iffukaw primarjament fuq l-iskambju tal-aħjar prattiki ma' Stati Membri oħra, inkluż miżuri preparatorji għal kooperazzjoni aħjar ma' pajjiżi terzi (**ir-Repubblika Ċeka, il-Latvja u r-Renju Unit**).

A. Titjiriet konġunti ta' ritorn

Ġeneralment l-Istati Membri ffinanzjaw titjira waħda jew numru żgħir ta' titjiriet biss. Il-kontribuzzjoni totali tal-UE għal titjiriet konġunti bbaġitjati ammontat għal madwar EUR 3,6 M. Dawn it-titjiriet kienu kumplimentari għat-titjiriet koordinati mill-Frontex.

B. Forom oħra ta' kooperazzjoni

Fl-**Estonja** ġie ffinanzjat proġett sabiex tiżdied il-kooperazzjoni operattiva fuq il-kisba ta' dokumenti tal-ivvjaġġjar bejn is-servizzi konsolari fil-Latvja, il-Litwanja u l-Estonja min-naħa l-waħda, u servizzi ta' immigrazzjoni fil-pajjiżi terzi min-naħa l-oħra.

5.2.5. *Eżempji ta' proġetti mwettqa taħt il-prijorità 3*

A. Modi innovattivi u mezzi tal-ġhoti ta' pariri u l-infurmar ta' dawk potenzjalment li jirritornaw lura pajjiżhom

Bis-saħħa ta' żewġ proġetti tal-2008 il-**Bulgarija** wettqet kampanja ta' informazzjoni sabiex tippromwovi r-ritorn volontarju (filmati qosra, dokumentarju, 53.000 materjal ta' informazzjoni (volantini, kartelluni u fuljetti) u tejbet il-kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-IOM u l-awtoritajiet f'din iż-żona. Bl-istess mod, fir-

Repubblika Ċeka seħħet kampanja fuq skala nazzjonali, permezz tar-riżorsi tal-2008 u l-2009.

Wara li ġie rrikonoxxut li l-possibbiltajiet ta' informazzjoni u l-għoti ta' pariri mar-ritorn qatt ma ġew kondiviżi sistematikament matul l-**Italja**, il-Fond intuża sabiex jistabbilixxi "network ta' riferiment" ta' awtoritajiet lokali u organizzazzjonijiet mhux governattivi matul it-territorju tagħha, sabiex jiġu organizzati sessjonijiet ta' informazzjoni u l-ħolqien ta' kuxjenza u sabiex jiġi żviluppat u distribwit b'mod wiesa' materjal ta' informazzjoni f'ħafna lingwi. Barra minn hekk, fi proġett suċċessur fil-programm tal-2009, twettaq taħriġ tal-persunal fin-network tar-riferiment u ġew organizzati seminars ma' rappreżentanti ta' pajjiżi terzi. Flimkien ma' eżerċizzju tal-immappjar tal-komunitajiet migranti sabiex jiġu stabbiliti metodi ta' tixrid aktar effettivi għall-popolazzjoni fil-mira u sessjonijiet sabiex jiġu skambjati Prattiki u esperjenzi mar-ritorn bejn l-atturi kollha differenti taħt il-prijorità 4, dawn il-proġetti għenu sabiex joħlqu l-bażi għall-iżviupp ta' ritorn volontarju assistit fl-Italja.

Fil-**Greċja**, flimkien maż-żjarat ta' studju lil Stati Membri oħra, il-programm tal-2009 appoġġja l-iżvilupp strateġiku ta' ritorn volontarju assistit billi kkofinanzja kampanja ta' informazzjoni u pprova għajuna għall-ivvjaġġar għal 300-400 persuna. Wara r-riżultati pożittivi ta' dan il-proġett pilota, ir-riżorsi illiberati taħt il-programm rivedut ġew diretti mill-ġdid sabiex jipprovdu lil ftit mijiet ta' persuni oħra b'appoġġ simili kif ukoll xi għajnuna wara r-ritorn fil-forma ta' għoti ta' flus fil-but. L-intenzjonijiet tal-awtoritajiet Griegi huma li jżidu b'mod sinifikanti, bl-għajnuna tal-Fond, l-appoġġ pubbliku għal dawn l-operazzjonijiet ta' ritorn volontarju fis-snin li ġejjin.

B. Inċentivi innovattivi għaż-żieda ta' ritorn volontarju abbażi tad-dinjità tal-persuni involuti (partikolarment integrazzjoni mill-ġdid)

Taħt il-prijorità 3, il-proġetti dwar l-għajnuna tal-integrazzjoni mill-ġdid (inkluż it-taħriġ, it-twaqqif ta' proġetti ta' negozju, l-appoġġ tal-bidu u l-valutazzjoni ta' segwitu fil-pajjiż tar-ritorn eċċ) ġew iffinanzjati **fl-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Litwanja u Spanja**.

Fi **Franza**, miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid ġew appoġġjati taħt kull programm sabiex titjeb is-sostenibbiltà ta' ritorni lil xi pajjiżi Afrikani. Wara dħul individwali u pjanijiet ta' ritorn, daww li jirritornaw lura pajjiżhom kellhom l-opportunità li jiżviluppaw attivitajiet ekonomiċi u jirċievu appoġġ fit-twaqqif tan-negozji *in situ*.

Fl-**Isvezja** 9 minn 13-il proġett taħt iż-żewġ programmi appoġġjaw il-prijorità 3. Għandhom komuni bejniethom enfasi fuq modi ġodda ta' kooperazzjoni bejn entitajiet differenti. Fi proġett wieħed, ġiet stabbilita kooperazzjoni bejn Kamra tal-Kummerċ u awtorità tal-immigrazzjoni f'pajjiż Afrikan. Sessjonijiet ta' informazzjoni ta' taħriġ ġew organizzati għal 200 ċittadin tal-pajjiż ikkonċernat; ġew żviluppati pjanijiet ta' negozju individwali, u ġiet organizzata żjara għal 15 -il persuna sabiex iħejju ruħhom *in situ*. Bħala parti mill-proġett ingħata appoġġ lill-faċilitajiet edukattivi fil-pajjiż ikkonċernat.

Fil-**Belġju** 22 minn 35 proġett taħt iż-żewġ programmi appoġġjaw il-prijorità 3. Xi proġetti fittxew li jtejb u l-istrateġiji ta' ritorn u jagħtu spinta lit-tisħiħ ta' kapaċitajiet b'mod ġenerali fil-pajjiż, pereżempju programm ta' tagħlim għal kunsilliera ta' ritorn individwali. Matul iż-żewġ programmi, taħt din il-prijorità ġew appoġġjati miżuri speċifiċi ta' integrazzjoni mill-ġdid għal baġit totali ta' EUR 2,5 M li jikkonsisti minn:

- Miżuri tat-tisħiħ ta' kapaċitajiet (fil-kuntest tal-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda, proġett ta' riċerka dwar l-aħjar prattiki fir-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid ta' persuni b'diżabbiltajiet mentali u fiżiċi f'sitt Stati Membri, min-naħa l-waħda, u proġetti sabiex jirmedja dgħufijiet fil-kapaċitajiet ta' imsieħba ta' integrazzjoni mill-ġdid mhux governattivi li għandhom rwol fl-istrateġija tar-ritorn volontarju nazzjonali assistit, min-naħa l-oħra); u
- Appoġġ għal operazzjonijiet għar-ritorn individwali li jestendu approċċi attwali dwar l-integrazzjoni mill-ġdid, ikkombinat mal-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda (erba' proġetti tal-IOM sabiex jiġu żviluppati pakketti ta' għajjuna mfassla apposta bħala żieda innovattiva għall-programm ġeneriku, eżistenti, ta' integrazzjoni mill-ġdid u żewġ proġetti tal-Caritas għall-gruppi/pajjiżi speċifiċi fil-mira dwar programm ta' ritorn volontarju assistit aktar komprensiv, inkluż appoġġ ta' integrazzjoni mill-ġdid u segwitu fil-pajjiż tad-destinazzjoni).

Fil-Ġermanja, 44 minn 99 proġett taħt iż-żewġ programmi appoġġjaw il-prijorità 3 għal total ta' EUR 5,6 M (madwar 41% tal-baġit totali assenjat lill-Fond). Bl-eċċezzjoni ta' żewġ proġetti fuq dokumenti tal-ivvjaġġar, ġew kofinanzjati pjanijiet ta' ritorn innovattivi u miżuri oħra sabiex jiżied ir-ritorn volontarju. Għal xi proġetti saret enfasi fuq gruppi fil-mira partikolari u/jew pajjiżi tar-ritorn, għal oħrajn fuq forom oħra ta' għajjuna ta' integrazzjoni mill-ġdid.

C. L-ittestjar ta' metodi ta' ħidma ġodda sabiex jiġi mgħaġġel il-proċess tad-dokumentazzjoni ta' dawk li jirritornaw lura pajjiżhom

Madwar EUR 5,5 M ġie bbaġitjat għal kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi skont il-programmi, iżda dan l-ammont huwa relatat ukoll ma' proġetti taħt prijoritajiet oħra. Taħt il-prijorità 3, ħafna Stat Membri wettqu proġetti sabiex jibnu kooperazzjoni operattiva effettiva, stabbli u dejjiema ma' awtoritajiet f'pajjiżi terzi, bil-ħsieb li jiksbu dokumenti tal-ivvjaġġar u jiżguraw tkeċċija malajr u li tirnexxi. Bħala illustrazzjoni xi eżempji tal-punt safejn l-appoġġ finanzjaru intuża b'mod innovattiv u għab riżultati diretti:

- **Fir-Rumanija** ġie żviluppat mekkaniżmu ġdid ta' kooperazzjoni ma' missjonijiet diplomatiċi ta' pajjiżi terzi li m'għandhomx ambaxxata fil-pajjiż. F'xi 15-il missjoni, għall-ewwel darba, il-persunal tal-awtoritajiet seta' jiddiskuti każijiet konkreti mal-awtoritajiet ta' immigrazzjoni tal-pajjiżi terzi. Id-diskussjonijiet waslu għal proċeduri aktar mgħaġġla u tejbu relazzjonijiet tax-xogħol.
- **Fil-Polonja** riżorsi taħt il-programmi tal-2008 u l-2009 intużaw sabiex jiżviluppaw programm speċjali għall-iffaċilitar ta' relazzjonijiet tax-xogħol mal-awtoritajiet ta' immigrazzjoni minn pajjiżi terzi ewlieni, abbażi ta' żjarat regolari minn esperti minn dawk l-awtoritajiet lill-Polonja u żjarat lura minn awtoritajiet Pollakki. Spejjeż u għotjiet tal-ivvjaġġar ġew koperti, kif ukoll it-trasport ta' dawk potenzjalment li jirritornaw lura pajjiżhom minn faċilitajiet ta' detenzjoni għall-postijiet użati għall-identifikazzjoni. Permezz tal-istabbilizzazzjoni ta' kuntatti diretti u regolari, il-proċess ta' ammissjoni mill-ġdid kien iffaċilitat ħafna u ġie stabbilit il-pedament għal kooperazzjoni effettiva, stabbli u fuq perjodu ta' żmien twil,
- **Fis-Slovenja**, bħala parti minn azzjoni sabiex titjieb il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar l-identifikazzjoni, kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u

network ta' tradutturi ġew stabbiliti sabiex jipprovdu għajnuna lill-awtoritajiet fil-komunikazzjoni ma' daww potenzjalment li jirritorna lura pajjiżhom.

- Fi **Spanja**, il-Fond intuża sabiex jappoġġja sistematikament serje ta' seminars ta' taħriġ għal awtoritajiet ta' immigrazzjoni minn madwar għaxar pajjiżi tal-oġġini Afrikani differenti, kemm fil-pajjiżi tagħhom kif ukoll fi Spanja. Bħala riżultat tal-fiduċja reċiproka maħluqa f'ambjent operattiv faċli, ittejjbet il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni.
- Fl-**Isvezja** proġett wieħed immira sabiex jiżdiedu l-modi tal-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz ta' laqgħat bejn l-awtoritajiet u l-awtorità tal-immigrazzjoni bbażata fl-ajruport internazzjonali ta' pajjiż tal-oġġini ewlieni għall-Isvezja li għaliha l-ammissjoni mill-ġdid kienet s'issa diffiċli.

D. Miżuri innovattivi oħra

L-awtoritajiet fil-**Greċja** wettqu, bil-finanzjament tal-2009, żjarat ta' studju lil Stati Membri oħra sabiex jispiraw approċċ nazzjonali sabiex jipromwovu ritorn volontarju.

Fl-**Ungerija**, twettqu żewġ missjonijiet ta' sejbien tal-fatti lil pajjiżi terzi ta' importanza partikolari sabiex jiġi stabbilit rapport ta' pajjiżi komprensiv u topiku sabiex tittejjeb il-kwalità tal-ġoti ta' pariri. Il-missjonijiet tħejjew flimkien ma' esperti minn Stati Membri oħra u l-IOM.

Fi xi pajjiżi azzjonijiet iffukaw fuq ġestjoni tal-informazzjoni taħt din il-prijorità. Fil-**Belġju**, ġiet żviluppata għodda tal-IT għall-ġestjoni tal-każ f'ċentri magħluqa, sabiex tiġi mghagħġla l-kooperazzjoni bejn l-immigrazzjoni u l-awtoritajiet tal-pulizija u għall-ġbir u l-analiżi ċentrali tad-dejta dwar il-permanenza irregolari. Fi **Spanja** ikkonċernat sistema integrata tal-IT sabiex jiġi ġestiti il-programm ta' ritorn volontarju.

5.2.6. *Eżempji ta' proġetti mwettqa taħt il-prijorità 4*

A. Evalwazzjoni u riċerka

Taħt din il-prijorità għadd għmielu ta' Stati Membri wettqu studji:

- **L-Awstrija** ffinanzjat proġett sabiex tqabbel l-attivitajiet ta' ritorn volontarju nazzjonali eżistenti f'termini ta' popolazzjoni fil-mira, spejjeż, mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u sabiex tiżviluppa sinerġiji u ekonomiji ta' skala.
- **Il-Bulgarija** żviluppat strateġija integrata, li sservi bħala l-bażi għall-programm strateġiku nazzjonali tagħha għal ġestjoni ta' ritorn integrat għall-2011-2013. Ġie żviluppat pjan ta' azzjoni sabiex jimplimentaha u twettqet aktar riċerka fuq l-aħjar prattiki fi Stati Membri oħra permezz ta' grupp ta' ħidma li jinvolvi anke organizzazzjonijiet mhux governattivi.
- **Il-Portugall** immappjat il-komunitajiet immigranti u l-mezzi tagħhom tal-akkwist ta' informazzjoni, abbażi ta' intervisti ma' partijiet interessati, sabiex jixxerrdu aħjar il-possibiltajiet tal-programm tar-ritorn tagħha fost komunitajiet migranti.

B. Attivitajiet ta' taħriġ u ta' skambju

Proġetti ta' taħriġ ġeneralment imħallsa jew għat-taħriġ ta' uffiċjali tal-pulizija (skorti) fuq l-istandards u l-aħjar prattiki fir-rigward tar-ritorn bil-forza (**Ċipru, l-Italja, il-Litwanja, ir-Rumanija, is-Slovakkja**); persunal ta' għadd ta' awtoritajiet nazzjonali fuq il-ġestjoni tar-ritorn (**il-Polonja, il-Latvja, il-Litwanja, is-Slovakkja**); it-taħriġ fil-lingwa (**il-Latvja, is-Solvenja, is-Slovakkja**) jew li ikkonċernaw l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem u/jew l-istandards mar-ritorn (**il-Bulgarija, l-Ungerija**). Fil-**Greċja** seħħew serje ta' seminars ta' taħriġ għal uffiċjali tal-pulizija dwar diversi aspetti tal-ġestjoni tar-ritorn, inkluż prattiki ta' skorta, proċeduri ta' ammissjoni mill-ġdid, l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem u t-trattament ta' persuni vulnerabbli. Filwaqt li kkonċernat ammont relattivament żgħir, l-approċċ sistematiku u komprensiv kien innovattiv. Fil-Polonja fondazzjoni organizzat taħriġ għall-persunal sabiex jittejjeb is-servizz f'ċentri żgħar f'reġjun speċifiku bi fruntiera mal-Ukraina u ppubblikat gwida ta' prattika tajba.

L-Istati Membri użaw il-Fond sabiex il-persunal ikun jista' jitgħallem minn esperjenzi fl-Istati Membri l-oħra. **L-Ungerija** ffinanzjat żjarat ta' studju lil diversi Stati Membri għall-persunal ta' kemm korpi eżekuttivi kif ukoll ġudizzjarji li qed jaħdmu fuq ir-ritorn, filwaqt li **l-Litwanja** ffinanzjat dawn iż-żjarat għal skorti u persunal ta' awtoritajiet tar-ritorn. **Il-Latvja** nefqet 53% mir-riżorsi tal-2008 għal tliet proġetti taħt din il-prijorità: wieħed fuq seminars dwar l-aħjar prattiki u żjarat lil Stati Membri oħra, wieħed fuq it-taħriġ fuq il-ġestjoni tar-ritorn għall-għassiesa tal-fruntieri u l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u t-tielet wieħed fuq it-taħriġ tal-lingwa għal impjegati involuti fil-ġestjoni tar-ritorn. Barra minn hekk, diversi proġetti tat-taħriġ inkludew il-parteċipazzjoni jew input minn esperti mill-Istati Membri l-oħra.

S'issa, il-Fond ma ntużax sabiex jiġi organizzat taħriġ nazzjonali speċifiku għal prattikanti fuq l-applikazzjoni tad-direttiva dwar ir-Ritorn, għalkemm **l-Ungerija** organizzat konferenza bejn l-Istati Membri fuq id-direttiva. Kien probabbilmment għadu kmieni wisq, meta titqies id-data tal-iskadenza tat-traspożizzjoni tal-24 ta' Diċembru 2010.

6. VALUTAZZJONI PRELIMINARI GLOBALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI

6.1. Osservazzjonijiet magħmula mill-Istati Membri

6.1.1. *Fir-rigward tar-riżultati miksuba*

L-Istati Membri taw valutazzjoni pożittiva globali (parzjalment) fuq l-implimentazzjoni tal-Fond. Irrapportaw li għall-inqas għall-programm tal-2008, li tlesta fil-perjodu tar-rappurtar, ir-riżultati mixtieqa, kif definit fl-istrateġija multiannwali, inkisbu ġeneralment.

Diversi Stati Membri jenfasizzaw f'dan il-kuntest kisbiet partikolari fir-rigward tar-ritorn volontarju: l-iżvilupp ta' approċċ olistiku f'politiki nazzjonali li jappoġġjaw ir-ritorn volontarju (l-Italja); il-kapaċità miżjuda sabiex jitwettqu attivitajiet ta' ritorn volontarju assistit (l-Estonja, Malta u r-Rumanija); l-implimentazzjoni ta' programmi ta' ritorn volontarju assistit, inkluż l-introduzzjoni ta' għodda ġdida, websajt u servizz tat-telefon bla hłas, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-programmi (l-Ungerija); it-titjib tal-istrutturi tal-għoti ta' pariri, li jirrendu l-programm eżistenti tar-ritorn volontarju assistit aktar effettiv (il-

Ġermanja); il-fatt li l-Fond sempliċement għamilha possibbli għal numru akbar ta' migranti li jirritornaw volontarjament (Spanja) jew sabiex ħafna ċittadini ta' pajjiżi terzi jagħmlu ritorn dinjituż, ordnat u sostenibbli u sabiex jirċievu għajjnuna ta' integrazzjoni mill-ġdid ladarba jkun hemm (ir-Renju Unit).

Barra minn hekk, għadd għielu ta' Stati Membri rreferew għan-nuqqas ta' utilità tal-Fond fir-rigward tal-għajjnuna lis-soċjetà ċivili sabiex tikkontribbwixxi għar-ritorn volontarju. Il-Polonja ssottolinjat li mingħajr il-Fond organizzazzjonijiet mhux governattivi ma kienx ikollhom riżorsi suffiċjenti sabiex iwettqu attivitajiet ta' ritorn volontarju, filwaqt li r-Rumanija rreferiet għall-ewwel passi fl-iżvilupp ta' sħubiji ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi taħt il-Fond u l-Portugal għall-possibbiltà li tkompli ttejjeb in-netwerk tar-ritorn volontarju fil-pajjiż tagħha bis-saħħa tal-Fond.

6.1.2. Fir-rigward tal-isfidi li ltaqgħu magħhom matul l-implimentazzjoni

Fl-istess ħin, ħafna Stati Membri enfasizzaw l-isfidi li ltaqgħu magħhom matul l-implimentazzjoni tal-ewwel żewġ programmi.

- L-ewwel nett, ċertament għall-programm tal-2008, id-dewmien fl-approvazzjoni tal-programmi annwali affettwa l-perjodu tal-implimentazzjoni u f'xi Stati Membri, id-daqs tal-allokazzjoni fil-fatt allokata u li ntefget. Attivitajiet għall-ewwel żewġ programmi ħafna drabi tmexxew b'mod parallel u f'perjodu ta' implimentazzjoni kkondensat. L-Istati Membri li ppjanaw sew u/jew minn qabel irnexxielhom jonfqu l-kontribuzzjoni kollha tal-UE.
- It-tieni, ir-regoli implimentattivi u partikolarment ir-regoli għall-eliġibbiltà tan-nefqa, tqiesu bħala kumplikati wisq. Għal ħafna Stati Membri l-ammont tax-xogħol amministrattiv li rriżulta, f'termini ta' gwida, verifiki ta' ġestjoni u awditjar, tqies bħala mhux proporzjonat għall-għan tat-tmexxija ta' programm ta' finanzjament effiċjenti, fid-dawl tad-daqs tal-allokazzjonijiet tagħhom.
- It-tielet, proċeduri ta' għażla miftuħa u wiesgħa mhux dejjem wasslu għal applikazzjonijiet ta' proġetti pertinenti. Dan seta' kien minħabba fatturi nazzjonali bħan-numru limitat ta' entitajiet potenzjali kwalifikati u/jew lesti li jmessu proġetti għall-Fond, restrizzjonijiet amministrattivi u ta' rappurtar speċifiċi imposti taħt regoli nazzjonali, il-qafas ta' żmien għall-implimentazzjoni effettiva ta' proġetti eċċ. Madankollu, ir-regoli tal-UE setgħu tqiesu wkoll minn organizzazzjonijiet applikanti potenzjali bħala komplikati, partikolarment ir-rekwiżiti fuq is-sekwenza tat-transazzjonijiet u d-dokumentazzjoni jew il-limitazzjonijiet fuq l-eliġibbiltà. Pereżempju, l-ispejjeż imġarrba għall-għajjnuna ta' integrazzjoni mill-ġdid wara r-ritorn ġew illimitati għal sitt xhur u dan kultant fixkel soluzzjonijiet imfassla apposta.

Għaldaqstant, l-Istati Membri ħassew ruħhom marbuta sabiex jirrevedu l-programmi annwali sabiex jiżguraw l-użu tajjeb tal-kontribuzzjoni tal-UE. Għall-programm annwali tal-2008, il-Kummissjoni approvat 10 programmi riveduti li minnhom mill-inqas ħamsa kienu primarjament intenzjonati li jaġġustaw il-programm filwaqt li jqisu r-riżultat tas-sejħa miftuħa għal proposti, filwaqt li tlieta oħra rriżultaw minn reviżjonijiet fl-ippjanar tal-baġit nazzjonali.

Sabiex jitnaqqsu dawn l-isfidi u mal-feedback mill-Istati Membri, il-Kummissjoni ssimplifikat konsiderevolment il-qafas globali għar-regoli tal-eliġibbiltà għan-nefqa, estendiet għal sena t-tul ta' żmien għall-finanzjament ta' għajjnuna ta' integrazzjoni mill-ġdid wara r-

ritorn u estendiet il-perjodu ta' eliġibbiltà minn sentejn (2) għal sentejn u nofs (2½) li ppermetta aktar żmien għas-sottomissjoni tar-reviżjonijiet tal-programmi, u b'hekk ippermettiet assorbiment aħjar tal-kontribuzzjoni tal-UE. Barra minn hekk, billi l-Fond huwa strument finanzjarju tal-UE, dawk l-Istati Membri individwali b'diffikultajiet tal-bidu rċewew konsistentement aktar gwida mill-Kummissjoni. L-effetti ta' dan it-tibdil se jkunu ċertament aktar viżibbli għall-implimentazzjoni ta' programmi tal-2010 u 'l quddiem.

6.2. Valutazzjoni mill-Kummissjoni

Wara li rrevedew ir-rapport mill-Istati Membri, u wara li qiesu informazzjoni oħra, inkluż minn missjonijiet ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni ssib li, minkejja d-diffikultajiet tal-bidu u xi kwistjonijiet speċifiċi mar-regoli u l-implimentazzjoni, il-Fond qed iżomm mal-wegħda tiegħu li jagħti spinta lill-implimentazzjoni ta' ġestjoni tar-ritorn integrat fl-Istati Membri.

- F'numru ta' Stati Membri, bis-saħħa ta' kampanji speċifiċi ta' informazzjoni, saret disponibbli aktar informazzjoni dwar possibbiltajiet ta' ritorn u din inxterdet b'mod wiesgħa lill-komunitajiet migranti fl-Istati Membri. F'xi każijiet, dawn **l-isforzi ta' għajjnuna** ġew ibbażati fuq esperjenzi prattiċi ta' persuni li rritornaw u qed igawdu integrazzjoni mill-ġdid b'suċċess fil-pajjiżi tal-orġini tagħhom.
- Il-Fond appoġġja l-introduzzjoni jew il-konsolidazzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni tar-ritorn li qabel kienu kważi ma jeżistux f'ħaġġa Stati Membri. Il-proġetti tejbu b'suċċess il-kapaċitajiet ta' servizzi tal-gvern, f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u/jew l-IOM, sabiex jiġi inkoraġġut ir-ritorn volontarju ta' migranti u dawk li jfittxu l-ażil. **Programmi ta' ritorn volontarju assistit ġew ikkonsolidati jew estiżi** sabiex jaħsbu għal għajjnuna għal aktar ċittadini ta' pajjiżi terzi. Diversi proġetti fuq l-għoti ta' pariri u l-integrazzjonijiet mill-ġdid appoġġjaw **l-iżvilupp ta' għodda innovattiva u mfassla aktar apposta għall-ġestjoni tar-ritorn** li jistgħu jiġu implimentati bil-mod b'mod aktar komprensiv fis-snin li ġejjin.
- Barra minn hekk, bis-saħħa tal-Fond, l-Istati Membri setgħu joffru aktar **inċentivi finanzjarji jew inċentivi finanzjarji ogħla u/jew jappoġġja dawk li jirritornaw lura pajjiżhom għat-twaqqif ta' attivitajiet li jiġġeneraw id-dħul, b'hekk irriżultaw f'ritorni sostenibbli.**
- Fil-qasam tar-ritorn **bil-forza, il-Fond kien konsistenti mal-attivitajiet tal-Aġenzija Frontex dwar il-koordinazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn konġunt.** L-Istati Membri użaw b'suċċess ir-riżorsi taħt il-Fond għal titjiriet konġunti u nazzjonali ta' ritorn li kkumplimentaw l-isforzi magħmula mill-Aġenzija.
- Barra minn hekk, il-proġetti ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi ta' ritorn irriżultaw f'żieda fin-numru tat-tkeċċija billi **tejbu l-arranġamenti tax-xogħol ma' pajjiżi terzi dwar l-identifikazzjoni u l-ħruġ ta' dokumenti tal-ivvjaġġar.**
- Fl-aħħar nett, il-Fond iġġenera wkoll opportunitajiet għal **aktar skambju ta' esperjenza bejn l-Istati Membri.** Stati Membri inqas esperjenzati qed jagħmlu użu minn dan il-finanzjament sabiex jitgħallmu mill-Istati Membri li għandhom esperjenza twila.

F'termini ta' riżultati, il-Fond għalhekk diġà wassal mingħajr dubju għall-ottimizzazzjoni tal-miżuri għar-ritorn volontarju assistit, tnaqqis fit-tul tal-permanenza f'ċentri tal-akkoljenza u/jew detenzjoni, tixrid imtejjeb ta' informazzjoni lill-popolazzjoni fil-mira dwar għażliet ta' ritorn u żieda fin-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li fil-fatt qed jieħdu vantaġġ mill-opportunità ta' ritorn volontarju, li jibbenefikaw minn aktar dinjità u prospettivi aħjar milli kienu jiltaqqu magħhom, kieku kienu suġġetti għal tkeċċija bil-forza.

7. RIMARKI U RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' KONKLUŻJONI

7.1. Titjib possibbli għall-bqija tal-perjodu multiannwali

Il-valutazzjoni hawn fuq kienet ibbażata biss fuq l-ewwel sentejn ta' programmazzjoni tal-Fond, bl-ebda rapport ta' għeluq disponibbli. Is-sottomissjoni ta' dan ir-rapport saret fl-aħjar ħin sabiex tgħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-tħejjija għall-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss u iżda mhux fil-ħin biex tagħti evalwazzjoni komprensiva u finali.

Ir-riżultati mhumieq neċessarjament rappreżentattivi. L-ewwel żewġ programmi annwali ġew abbozzati u implimentati taħt pressjoni ta' żmien konsiderevoli u b'esperjenza limitata fil-ġestjoni konġunta, bi proġetti ta' ritorn volontarju għal gruppi fil-mira speċifiċi taħt il-programmi tal-FER (2000-2007), kif ukoll xi esperjenzi ma' proġetti transnazzjonali taħt ġestjoni diretta (2005-2007).

L-eżerċizzju ta' programmazzjoni tal-2010 kien ħafna aktar mgħaġġel. Bl-esperjenzi miksuba f'din l-ewwel fażi, u b'vantaġġ permezz tat-tibdil fir-regoli implimentattivi, l-Istati Membri huma f'pożizzjoni tal-bidu tajba sabiex jottimizzaw aktar l-użu tal-fondi.

Fil-ġejjieni, il-programmi jistgħu jippromwovu enfasi aktar strateġika fuq standards tal-UE u aktar sistematikament ifittxu li jtejjbu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. L-implimentazzjoni ta' azzjonijiet se tibbenefika minn ippjanar finanzjarju aktar stabbli u fuq perjodu ta' żmien fit-tul u sforzi sabiex jiġu komunikati b'mod aktar effettiv riżultati fost partijiet interessati u għad-dinja esterna.

- Bid-data tal-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn skaduta, iż-żewġ elementi kostitwenti ewlenin tal-politika tar-ritorn tal-UE, il-Fond u d-Direttiva, huma fis-seħħ. Bis-saħħa taż-żieda f'allokazzjonijiet fil-perjodu li ġej, il-Fond se jforni lill-Istati Membri bil-mezzi sabiex jagħmlu l-konformità ma' rekwiżiti ewlenin taħt id-Direttiva u ż-żewġ prinċipji tal-importanza assoluta ta' ritorn volontarju u t-trattament uman u dinjituż ta' daww potenzjalment li jirritornaw lura pajjiżhom bħala pilastru tal-ġestjoni tar-ritorn realtà konkreta madwar l-UE. Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu jagħtu spinta lill-isforzi fuq ir-ritorn volontarju, jimmodernizzaw faċilitajiet ta' detenzjoni għal minorenni u familji, jiżviluppaw programmi ta' taħriġ fuq standards tal-UE, għodda għida ta' monitoraġġ u evalwazzjoni u jakkompanjaw aħjar il-perjodu għat-tluq volontarju stabbilit mid-Direttiva u, fejn xieraq, lil hinn minnu, bl-aħjar servizzi possibbli rigward l-għoti ta' pariri u r-ritorn volontarju assistit.
- Permezz tal-Fond, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu ħafna aktar sabiex jippromwovu kooperazzjoni Prattika u jnaqqsu d-duplikazzjoni ta' sforzi f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, attivitajiet ta' taħriġ, u l-ġbir ta' informazzjoni dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżi tar-ritorn. F'termini ġenerali, l-Istati

Membri qed jinsistu b'mod rikorrenti fuq aktar kooperazzjoni fir-rigward tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, kuntatti ma' pajjiżi terzi, proċeduri ta' ammissjoni mill-ġdid eċċ. Id-daqs relattivament żgħir tal-allokkazzjonijiet iddedikati għall-prijorità 2 ma jagħmilx ġustizzja lill-isfida. S'issa l-ebda Stat Membru ma implimenta proġetti li stabbilixxew b'mod konġunt pjanijiet ta' ritorn imfassla apposta, politiki ta' integrazzjoni mill-ġdid, missjonijiet ta' monitoraġġ jew kooperazzjoni ma' servizzi konsulari għal pajjiżi speċifiċi ta' ritorn. Filwaqt li dawn il-proġetti jistgħu jeħtieġu xi ftit aktar koordinazzjoni u/jew ibbilanċjar ta' skemi nazzjonali ta' finanzjament differenti, ħtiġijiet ta' kooperazzjoni ma jistgħux jiġu indirizzati esklussivament permezz tal-azzjonijiet Komunitarji u l-baġit tal-Frontex rigward titjiriet konġunti ta' ritorn. L-Istati Membri huma mistiedna li jesploraw aħjar il-possibbiltajiet kollha tal-Fond sabiex jikkoperaw b'mod aktar attiv. Għaldaqstant, ekonomiji ta' skala se jirriżultaw u jiġġustifikaw aktar il-valur miżjud ta' riżorsi tal-UE f'dan il-qasam.

- Huwa rikonoxxut li l-mekkaniżmu tat-twassil tal-Fond, li l-programmi annwali tiegħu jridu jiġu approvati kull sena, mhux neċessarjament jgħin sabiex jappoġġja attivitajiet rikorrenti bħal operazzjonijiet ta' ritorn volontarju u bil-forza (konġunti). **L-Istati Membri jistgħu jesploraw b'mod aktar estensiv il-possibbiltajiet sabiex jiġu stabbiliti proġetti multiannwali**, eż. programmi ta' ritorn volontarju assistit b'komponent ta' integrazzjoni mill-ġdid, skont il-qafas regolatorju, b'hekk titnaqqas l-inċidenza ta' proċessi ta' għażla u jiġi stabbilit ippjanar finanzjarju multiannwali stabbli.
- **L-effetti tat-tagħlim tal-Fond jistgħu jingħataw aktar spinta.** Sabiex jiġu ispirati proġetti innovattivi u li jirnexxu u jiġi promoss il-potenzjal għal skambju ta' informazzjoni l-Istati Membri għandhom jaqsmu aktar informazzjoni dwar proġetti fuq bażi kemm bilaterjali kif ukoll multilaterali. Dan għandu jsir responsabbiltà tal-Ministeri kkonċernati u jmur lil hinn mill-kompitu tal-"awtoritajiet responsabbli" innominati u/jew il-benefiċjarji tal-proġett. Partikolarment fil-qasam tal-integrazzjoni mill-ġdid, ħafna jista' jinkiseb mill-iskambju tal-informazzjoni, ladarba l-proġetti li jirnexxu l-aktar huma dawk li qed jitbiegħdu minn inċentivi purament f'forma ta' flus (somom f'daqqa) lejn approċċ aktar individwali u mfassal apposta fil-bini mill-ġdid tal-ħajja ta' dawk li jirritornaw lura pajjiżhom. Sabiex tiffaċilita dan il-proċess, il-Kummissjoni għandha *inter alia* tistabbilixxi netwerk dwar ir-ritorn volontarju permezz tal-azzjonijiet Komunitarji tal-2010, tistabbilixxi dejtabejż għall-Istati Membri dwar il-proġetti ffinanzjati u tiżviluppa materjal u avvenimenti ta' komunikazzjoni dwar il-Fond sal-2012.
- Fl-aħħar nett, hija u tirrikonoxxi r-rwol importanti li l-IOM għandha fl-appoġġ ta' attivitajiet fl-Istati Membri taħt il-Fond, il-Kummissjoni se tkompli l-isforzi tagħha **sabiex issaħħaħ ir-relazzjonijiet tal-ħidma tagħha ma' IOM fil-qafas tad-djalogu li għaddej dwar il-politika tal-migrazzjoni** u l-iżvilupp tal-Approċċ Globali dwar il-Migrazzjoni.

7.2. It-tħejjija għall-ewwel evalwazzjoni *ex-post* (2012)

L-istadju li jmiss għall-Fond huwa r-rapport tal-evalwazzjoni *ex-post* għall-2008-2010¹⁵. Skont l-att bażiku, ir-rapport tal-Kummissjoni huwa dovut sal-31 ta' Diċembru 2012.

It-tħejjijiet għal dan l-eżerċizzju huma kontinwi. Sfortunatament, l-Istati Membri ma jistgħux b'mod raġjonevoli jkunu mistennija li jirrapportaw dwar ir-riżultati tal-programm annwali tal-2010 sat-30 ta' Ġunju 2012, kif indikat fl-att bażiku, ladarba l-perjodu ta' eliġibbiltà għall-2010 jibqa' għaddej sat-tieni nofs tal-2012. Sabiex tiġi provduta dejta kompluta dwar l-2010, l-Istati Membri se jintalbu li jissottomettu l-kontribuzzjonijiet tagħhom sal-aħħar ta' Ottubru 2012 minflok.

Sabiex tibni fuq dan ir-rapport intermedju, l-evalwazzjoni *ex-post* għall-2008-2010 tista' tippreżenta stampa aktar komprensiva tal-intervent tal-Fond f'livell nazzjonali u tal-UE fir-rigward ta' riżultati u l-impatt globali tiegħu fuq l-applikazzjoni ta' standards tal-UE fuq ir-ritorn u l-ġestjoni tar-ritorn integrata fi Stati Membri. Għal dan il-għan, il-mira globali tagħha tkun:

- Li tidentifika riżultati konkreti bħan-numbru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ntlaħqu direttament permezz ta' azzjonijiet fuq operazzjonijiet u għajjnuna taħt il-Fond u n-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi milquta direttament u indirettament mill-attivitajiet kollha ta' finanzjament (jiġifieri inkluż il-miżuri ġenerali tat-tisħiħ ta' kapaċitajiet, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra), permezz ta' metodoloġija komuni;
- Li tiddistingwi b'mod ċar ir-riżultati miksuba taħt operazzjonijiet ta' ritorn bil-forza u volontarji u anke għall-kategoriji differenti tal-grupp fil-mira, eż. id-distinzjoni bejn dawk li jfittxu l-ażil (irrifjutati) u refuġjati min-naħa l-waħda u migranti irregolari, inkluż dawk li jaqbżu t-tul tal-perjodu intitolati għalih, min-naħa l-oħra;
- Li jivvalutaw il-grad sa fejn l-intervent tal-Fond ikkontribbwixxa għall-iżvilupp globali ta' kull sistema nazzjonali ta' ritorn, filwaqt li titqies l-istrateġija stabbilita fil-programm multiannwali u miri nazzjonali speċifiċi identifikati;
- Li tivvaluta l-punt safejn l-intervent tal-Fond ikkontribbwixxa għall-applikazzjoni tal-istandards tal-UE, partikolarment id-Direttiva dwar ir-Ritorn; u
- Fl-aħħar nett, li tkejjel il-valuri miksuba fir-rigward tas-sehem ta' allokkazzjonijiet tal-UE taħt il-Fond għall-inputs nazzjonali (finanzjarji u oħrajn) globali u li tidentifika kwalunkwe fattur rilevanti ieħor li għandu impatt fuq l-intervent.

¹⁵ L-Artikolu 50(3) c) att bażiku RF